# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 18 ta' Novembru 2024**

**Numru : 36**

**Rikors numru : 318/2024/1 MS**

**Fl-atti tar-Riferenza bin-numru 318/2024 MS wara d-dikrieti mogħtija mill-Qorti Kriminali fis-26 ta' Ġunju 2024 fl-atti ta':**

**(i) rikors ta' Karl Cini, Nexia BT u Brian Tonna**
**(ii) rikors ta' Keith Schembri, Kasco Engineering Company Limited u FSV Limited**
**(iii) rikors ta' Konrad Mizzi**
**(iv) rikors ta' David Joseph Meli**
**(v) rikors ta' Mario Victor Gatt**
**(vi) rikors tas-soċjetà MTrace plc**
**(vii) rikors ta' Clarence John Conger Thompson**

**ilkoll għar-revoka tal-ordni ta' qbid u iffriżar maħruġ fl-atti tal-kumpilazzjoni fl-ismijiet:**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Joseph Muscat; Konrad Mizzi; Keith Schembri; Clarence John Conger Thompson; Christopher Spiteri; Jonathan Vella; David Joseph Meli; Ivan Vassallo; Mario Victor Gatt; Brian Bondin; Adrian Hillman; Pierre Sladden; Brian Tonna; Karl Cini; Sciacca Grill Limited; Kasco Engineering Company Limited; FSV Limited; MTrace plc; Gateway Solutions Limited; Technoline Limited; Eurybates Limited; Taomac Limited; Nexia BT Limited**

**u f'liema Riferenza b'dikriet tal-5 ta' Lulju 2024**
**ġew imsejħin fil-kawża**
**Joseph Muscat u Adrian Hillman**

1. Dan huwa appell ad istanza ta' Keith Schembri, Kasco Engineering Company Limited, FSV Limited, Konrad Mizzi, Karl Cini, Nexia BT Limited, Brian Tonna, David Joseph Meli, Mario Victor Gatt, MTrace plc, Clarence John Conger Thompson, Joseph Muscat u Adrian Hillman [minn hawn 'il quddiem "l-appellanti" / "ir-rikorrenti u l-kjamati in kawża"] minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Lulju 2024 permezz ta' liema wieġbet fin-negattiv għar-riferenza li saritilha mill-Qorti Kriminali fis-26 ta' Ġunju 2024 dwar jekk ir-rikorrenti imputati (hawn appellanti) sofrewx jew ser isofru ksur tad-dritt tagħhom għal smigħ xieraq u għad-tgawdija ta' ħwejjiġhom fil-proċeduri magħmulha quddiemha *a tenur* tal-Artikolu 36(8)(ii) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità ["Kap. 621"].

## Preliminari

2. Il-fatti li wasslu għar-riferenza in disamina ġew imfissra hekk mill-Ewwel Qorti:

> *"2. Fit-28 ta' Mejju 2024 Joseph Muscat, Konrad Mizzi, Keith Schembri, Clarence John Conger Thompson, Christopher Spiteri, Jonathan Vella, David Joseph Meli, Ivan Vassallo, Mario Victor Gatt, Brian Bondin, Adrian Hillman, Pierre Sladden, Brian Tonna, Karl Cini, Sciacca Grill Limited, Kasco Engineering Company Limited, FSV Limited, MTrace plc, Gateway Solutions Limited, Technoline Limited, Eurybates Limited, Taomac Limited u Nexia BT Limited tressqu b'ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja mixlija b'diversi reati, fosthom bid-delitt ta' ħasil ta' flus. L-akkużati kollha wieġbu li mhux ħatja. Dakinhar stess, il-prosekuzzjoni talbet il-ħruġ ta' ordni ta' qbid u ffriżar fil-konfront tal-akkużati kollha (minn issa 'l quddiem imsejjaħ biss «l-Ordni»). Din it-talba ġiet kontestata mill-akkużati, li talbu lill-Qorti Struttorja sabiex tordna li jixhed bil-ġurament tiegħu il-prosekutur mill-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali «sabiex ifisser kif talab il-ħruġ ta' Ordni ta' Qbid u Iffriżar fl-ammont indikat … u liem' huma d-dokumenti u provi speċifiċi li minnhom jirriżulta li hemm raġuni valida biex dan l-ammont jiġi konfiskat». Il-Prosekuzzjoni, min-naħa tagħha, sostniet li l-provi li kien beħsiebha tressaq in sostenn tat-talba għall-ħruġ tal-Ordni kienu jikkonsistu fil-proces-verbal u fl-atti tal-inkjesta Maġisterjali dwar il-każ.*
>
> *3. Il-Qorti Struttorja għalhekk, wara li qieset li kienet il-prosekuzzjoni li kellha tissostanzja t-talba tagħha għall-ħruġ tal-Ordni, irriservat li tipprovdi dwar it-talba għall-ħruġ tal-Ordni wara li tisma' l-provi li kellha ġġib il-prosekuzzjoni.*
>
> *4. Aktar tard fl-istess udjenza, il-Qorti Struttorja laqgħet it-talba tal-prosekuzzjoni għall-ħruġ tal-Ordni fil-konfront tal-akkużati kollha u fl-ammonti ndikati mill-istess prosekuzzjoni, wara li ċaħdet it-talbiet tal-akkużati sabiex il-prosekuzzjoni tindika l-paġni fil-proces-verbal u fl-atti tal-inkjesta maġisterjali li juru r-rikavat illeċitu allegatament perċepit, u dan għaliex: «b'mod ewlieni, il-Qorti m'għandhiex tibbaża ruħha fuq l-eżistenza ta' xi prova o meno dwar ir-rikavat ta' reat, biex tiddeċiedi dwar talba għall-ħruġ ta' ordni ta' qbid u iffriżar; u in kwantu għat-talba biex il-Prosekuzzjoni tiddentifika b'mod separat l-ammonti li qed titlob li jiġu soġġetti … il-Qorti qiegħda tiċħad din it-talba stante li meta tiġi biex tiddeċiedi t-talba għall-ħruġ ta' Ordni ta' Qbid u Iffriżar għandha tordna li tiġi sekwestrata l-proprjetà li hija soġġetta għall-konfiska mingħajr ebda distinsjoni skont il-liġi bejn proprjetà soġġetta għal konfiska kif definit fl-Art.3 tal-Kap.621, li tkun ġiet jew fil-pussess tal-imputat personalment jew mod'ieħor vikarjament. Il-Qorti diġà ddeċidiet li d-*

*deċiżjoni għall-ħruġ ta' Ordni ta' Qbid u Iffriżar ma tistax tittieħed abbażi tal-għarbil ta' xi provi biex jiġi determinat l-ammont li għandu jiġi stabbilit bħala rappreżentanti r-rikavat mill-kriminalità u dan abbażi ta' ebda grad ta' prova partikolari…».*

*5. Id-dikriet li bih inħareġ l-Ordni ġie kontestat mill-akkużati permezz ta' diversi rikorsi quddiem il-Qorti Kriminali, skont kif jipprovdi l-Artikolu 36(8)(ii) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità (Kapitolu 621 tal-liġijiet ta' Malta), li minn issa 'l quddiem se ssir riferenza għalih biss bħala «l-Att». Mill-atti jirriżulta li l-Ordni ġie kontestat permezz:*

*(i) tar-rikors ta' Karl Cini, Nexia BT u Brian Tonna[1];*
*(ii) tar-rikors ta' Keith Schembri, Kasco Engineering Company Limited u FSV Limited[2];*
*(iii) tar-rikors ta' Konrad Mizzi[3];*
*(iv) tar-rikors ta' David Joseph Meli[4];*
*(v) tar-rikors ta' Mario Victor Gatt[5];*
*(vi) tar-rikors tas-soċjetà MTrace plc[6];*
*(vii) tar-rikors ta' Clarence John Conger Thompson[7];*

*(dawn huma r-rikorsi li minnhom ġiet ordnata din ir-riferenza);*

*(viii) tar-rikors preżentat minn Brian Bondin, li ġie miċħud b'deċiżjoni mogħtija mill-Qorti Kriminali fit-28 ta' Ġunju 2024[8];*
*(ix) tar-rikors preżentat minn Technoline Limited, li ġie miċħud b'deċiżjoni mogħtija mill-Qorti Kriminali fl-20 ta' Ġunju 2024[9];*
*(x) tar-rikors preżentat minn Sciacca Grill Limited, li ġie milqugħ b'deċiżjoni mogħtija mill-Qorti Kriminali fit-28 ta' Ġunju 2024[10], wara li fil-mori din is-soċjetà inħelset mill-kumpilazzjoni b'ordni tal-Qorti Struttorja;*
*(xi) tar-rikors preżentat minn Pierre Sladden li ġie miċħud b'deċiżjoni tal-Qorti Kriminali tat-28 ta' Ġunju 2024[11];*
*(xii) tar-rikors preżentat minn Ivan Vassallo li wkoll ġie miċħud b'deċiżjoni tal-Qorti Kriminali tat-28 ta' Ġunju 2024[12];*
*(xiii) tar-rikors ta' Jonathan Vella li ġie miċħud b'deċiżjoni tal-Qorti Kriminali tal-20 ta' Ġunju 2024[13];*
*(xiv) tar-rikors ta' Christopher Spiteri li ġie miċħud b'deċiżjoni tal-Qorti Kriminali tal-20 ta' Ġunju 2024[14];*

---

[1] Ara fol.638.
[2] Ara fol.697.
[3] Ara fol.599.
[4] Ara fol.565.
[5] Ara fol.677.
[6] Ara fol.617.
[7] Ara fol.657.
[8] Ara fol.321.
[9] Ara fol.370.
[10] Ara fol.409.
[11] Ara fol.431.
[12] Ara fol.462.
[13] Ara fol.504.
[14] Ara fol.548.

*(dawn il-proċeduri huma kollha deċiżi u għalhekk ma jiffurmawx parti minn din ir-riferenza)*

*(xv) tar-rikors ta' Adrian Hillman, li huwa differit sine die b'ordni mogħti mill-Qorti Kriminali fl-1 ta' Lulju 2024*[15]*;*

*(xvi) tar-rikors ta' Joseph Muscat, li wkoll huwa differit sine die b'ordni mogħti mill-Qorti Kriminali fl-1 ta' Lulju 2024*[16]*;*

*(dawn iż-żewġ proċedimenti ma saritx riferenza minnhom, billi fid-dikriet imsemmi tal-1 ta' Lulju 2024, il-Qorti Kriminali qieset li «għal ekonomija tal-ġudizzju jkun superflu li ssir riferenza kostituzzjonali oħra b'dan illi l-eżitu ta' dawk li diġà saru jkunu jgħoddu wkoll għal dan ir-rikors»).*

*6. Fl-atti ta' dawk ir-rikorsi li din il-Qorti diġà ndikat li minnhom saret ir-riferenza odjerna, u li jidher li kienu qed jinstemgħu fl-istess jum, ġiet sollevata mir-rikorrenti quddiem il-Qorti Kriminali kwistjoni kostituzzjonali u konvenzjonali «fejn jilmentaw illi l-Artikolu 36(8)(ii) tal-Kapitolu 621 tal-Liġijiet ta' Malta huwa leżiva tal-jedd tagħhom għal smigħ xieraq, ma jagħtihomx rimedju effettiv u ukoll f'din il-proċedura hemm nuqqas ta' parità fl-armi bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiża». Dwar din il-kwistjoni, b'dikrieti mogħtija fis-26 ta' Ġunju 2024, il-Qorti Kriminali ipprovdiet kif ġej:*

> *Għalhekk il-Qorti, waqt li tagħmel referenza għall-konsiderazzjonijiet kollha magħmula hawn fuq, sejra tirreferi din il-kwistjoni lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha:*
>
> *Jekk l-imputati … humiex qed isofru jew ser isofru minn xi vjolazzjoni taħt l-Artikolu 6 u 9 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u taħt l-artikoli 37 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem minħabba li ser jiġi leż d-dritt tagħhom għal smiegħ xieraq, kif ukoll id-dritt tagħhom għal jedd ta' tgawdija tal-proprjetà tagħhom fil-proċeduri magħmula quddiem din il-Qorti fit-termini ta' l-Artikolu 36(8)(ii) tal-Kapitolu 621 tal-Liġijiet ta' Malta, li ma joffriex rimedju effettiv, kif ukoll meta m'humiex mogħtija jedd ta' kontestazzjoni jew reviżjoni tal-Ordni ta' Qbid u Iffriżar matul il-pendenzi tal-proċeduri kriminali pendenti fil-konfront tagħhom, u dan anke meta ikun hemm varjazzjoni fl-imsemmi Ordni pendenti l-imsemmija proċeduri fuq talba tal-Prosekuzzjoni, biex b'hekk hija nieqsa il-parità fl-armi bejn il-Prosekuzzjoni u id-Difiża, u jekk fl-affermattiv illi jingħataw rimedju xieraq."*

[15] Ara fol.741.
[16] Ara fol.780.

3. B'digriet mogħti fit-2 ta' Lulju 2024[17] il-Qorti tal-ewwel grad appuntat il-każ għas-smigħ u, filwaqt li tat lill-Avukat Ġenerali u lill-Avukat tal-Istat sal-4 ta' Lulju fl-10am biex iwieġbu, ordnat in-notifika tal-avviż tas-smigħ lill-partijiet kollha.

4. Permezz ta' risposta ppreżentata fid-9:30am tal-4 ta' Lulju 2024[18], l-Avukat tal-Istat u l-Avukat Ġenerali wieġbu kif ġej:

> *"<u>Illi preliminarjament l-esponenti jirrilevaw illi bir-rispett dovut din ir-referenza kostituzzjonali hija wahda li ma kellhiex issir in primis u dan ghas-segwenti raguni</u>:*
>
> 1. *Illi fl-ewwel lok, l-esponenti jeċċepixxu illi l-Qorti referenti ma kellha ebda impediment milli tibqa' tisma' r-rikorsi li saru ai termini tal-Artikolu 36(8)(ii) tal-Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta u tiddisponi minnhom minkejja l-allegazzjoni ta' ksur ta' xi dritt fundamentali tal-parti li pprovokat ir-referenza. Ir-rikorrenti ossia l-imputati jikkontendu illi qiegħdin isofru jew ser isofru minn xi vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tagħhom sanciti abbazi tal-Artikolu 6 u 9 tal-Kovenzjoni Ewropeja u mill-Artikolu 37 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, minħabba li allegatament ser jiġi leż id-dritt tagħhom għal smigħ xieraq, kif ukoll id-dritt tagħhom għal jedd ta' tgawdija tal-proprjetà tagħhom fil-proċeduri magħmula quddiem din il-Qorti fit-termini tal-Artikolu 36(8)(ii) tal-Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta li allegatament ma joffrix rimedju effettiv, kif ukoll meta mhuwiex allegatament mogħti jedd ta' kontestazzjoni jew reviżjoni tal-ordni ta' Qbid u Iffriżar matul il-pendenzi tal-proċeduri kriminali pendenti fil-konfront tagħha, u dan anke meta jkun hemm varjazzjoni fl-imsemmija Ordni pendenti l-imsemmija proċeduri fuq talba tal-Prosekuzzjoni, biex b'hekk allegatament hija nieqsa l-parità fl-armi bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiża, u jekk fl-affermattiv illi jingħataw rimedju xieraq.*
>
>    *Mingħajr ma tidħol fil-mertu tal-kwistjoni, din l-Onorabbli Qorti in primis trid tara x'inhu r-riżultat utli li jista' jiġi ottjenut mir-referenzi kostituzzjonali. L-esponenti jeċċepixxu illi dawn ir-referenzi m'għandhom ebda utilità ħlief waħda akkademika u dan stante illi r-rikorrenti kollha intavolaw appell dettaljat ai termini tal-Artikolu 36(8)(ii) tal-Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta u ġiet appuntata seduta*

[17] Fol. 154
[18] Fol. 156

*sabiex isiru sottomissjonijiet bil-fomm. Illi l-Avukat Generali inghata sebat (7) ijiem tax-xoghol sabiex jintavola r-risposta tieghu u kien wara li giet intavolta dina r-risposta li beda jiddekorri t-terminu ta' sebat (7) ijiem tax-xoghol sabiex jinghata d-digriet tal-Onorabbli Qorti Kriminali. Għalhekk il-Qorti referenti, għalkemm marbuta b'terminu ta' sebat (7) ijiem tax-xogħol żmien sabiex tagħti d-deċiżjoni tagħha, setgħat tgħarbel dawk is-sottomissjonijiet tal-partijiet u dak illi ddeċiediet l-Ewwel Qorti fir-rigward tal-ordni li tkun għamlet. Bir-rispett dovut, jekk jinstabx ksur o meno tal-artikoli tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem succitati o meno b'ebda mod ma se tvarja l-kompitu illi l-Qorti referenti kellha u cioè illi tqis il-kontestazzjoni tal-partijiet milqugħa bl-ordni u s-sottomissjonijiet tal-Avukat Ġenerali.*

*Din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta fir-referenza kostituzzjonali bl-ismijiet* ***Il-Pulizija Spettur Oriana Spiteri vs Miloud Elforjani*** *fit-16 ta' Mejju 2022 iddekretat:*

> *"23. Sfiq ma' dan, huwa importanti li tinġibed l-attenzjoni wkoll li referenzi kostituzzjonali mhumiex maħsuba biex isiru għall-għanijiet akkademiċi iżda biex jiġu solvuti intoppi li jinqalgħu f'kawżi ordinarji. Wieħed ma jridx jinsa hawnhekk li jekk issir ir-referenza, il-proċeduri quddiem il-qorti riferenti għandhom jieqfu skont l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 4 tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta sakemm ikun hemm tweġiba finali għal dik ir-referenza mill-qorti (ara inter alia,* ***Onorevoli Imħallef Dottor Anton Depasquale v. Avukat Ġenerali*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-1 ta' Ġunju, 2001 u* ***Avukat Ġenerali et v. Nicolai (Nicolai Christian) Magrin et*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Novembru, 2017);*
>
> *24. Minħabba f'hekk, il-qorti riferenti għandha tkun għaqlija u prudenti biżżejjed meta tiġi biex tiddeċiedi jekk għandhiex tibgħat kwistjoni lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew le. Il-qorti riferenti trid tkun ċerta li dik ir-referenza hija tabilħaqq meħtieġa sabiex hija tkun tista' tkompli twettaq ħidmietha. Referenza kostituzzjonali/konvenzjonali li ma tkunx ħa tħalli l-frott fl-eżitu tal-proċeduri quddiem il-qorti riferenti m'għandhiex issir mill-ewwel (ara* ***Director of Public Registry v. Ahmad Aziz*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Jannar, 2022);*
>
> *(...)*
>
> *"27. Illi kif tajjeb ġie mpoġġi mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza* ***Edgar Blundell et v. Direttur tas-Sigurtà Soċjali*** *deċiża fl-20 ta' Marzu, 2000, qorti b'setgħat kostituzzjonali hija,*
>
> *«prekluża milli tikkonsidra l-kwistjoni dwar ksur ta' xi waħda minn dawk iddisposizzjonijiet lilha riferita, jekk din ma tkunx rilevanti u tkun għal kollox estraneja għall-mertu tal-proċeduri li fihom il-kwistjoni tkun ġiet imqanqla, u li allura deċiżjoni dwarha ma tkunx tenħtieġ biex il-qorti li tkun għamlet irreferenza tkun tista' tiddisponi mill-mertu»;".*

*Illi fis-Sentenza **Il-Pulizija (Spettur Sarah Magri) v. Joseph Muscat** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' Ottubru 2023 (195/2022/1FDP) il-Qorti kkunsidrat illi:*

> *"7. Il-Qorti hi tal-fehma li f'dan il-każ partikolari ma kienx hemm bżonn li ssir ordni ta' referenza. Proċeduri ġudizzjarji, huma x'inhuma, m'għandhomx isiru biss għal skop akkademiku. Għalkemm fit-tweġiba lappellat argumenta li r-raġunament tal-Avukat tal-Istat hu biss ipotetiku għaliex qiegħed jipprevedi x'ser jiġri, m'għandux raġun. Kien l-avukat tiegħu stess li waqt is-sottomissjonijiet mistoqsi mill-Qorti tal-Appell Kriminali dwar jekk huwiex jinsisti fuq il-kwistjoni dwar ir-reat kontinwat, wieġeb "Yes. Għall-iskop akkademiku Sinjura". 1 Mart l-akkużat għamlet rapporti mal-pulizija għaliex ma kienx qiegħed iħallas il-manteniment. Wara li l-Qorti tal-Appell Kriminali kienet infurmata li l-manteniment kien tħallas, għamlitha ċara lid-difensur ta' Muscat li f'ċirkostanzi simili l-piena tkun ta' conditional discharge. Għalhekk ma kien hemm l-ebda ħtieġa li d-difensur tal-akkużat jibqa' jinsisti fuq it-talba tiegħu ġialadarba l-akkużat ma kien għad fadallu l-ebda interess, u l-eżerċizzju serva biss sabiex iżid l-ispejjeż għalih, jiżdied ix-xogħol bla bżonn u jinħlew kważi sentejn."*

*Illi għalkemm il-fatti specie ta' dawn il-każijiet appena ċitati ma jixxiebħux mal-episodju odjern, il-prinċipji li tenniet il-Qorti Kostituzzjonali huma rilevanti ħafna. Fl-istadju preżenti l-Qorti Kriminali qiegħda f'sitwazzjoni fejn tista' bla ebda xkiel tiddeċiedi l-kontestazzjoni li għandha quddiemha rrispettivament jekk Qorti kostituzzjonali tiddeċidix dwar l-kostituzzjonalità o meno tal-liġi in diżamina. Kwindi, f'dan il-każ ukoll qiegħdin jiġu miżjuda spejjeż żejda, xogħol żejjed u delungar tal-proċeduri u dan kollu a skapitu tal-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja.*

*Illi applikati dawn il-principji multo magis u bir-rispett dovut lejn il-Qorti referenti, huwa bil-wisq ovvju illi hija setgħet tiddisponi mill-mertu mressaq quddiemha u ma kien hemm ebda ħtiega illi ssir referenza kostituzzjonali sabiex il-mertu jiġi deċiż.*

2. *<u>Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u fil-mertu</u>, l-esponenti jeċċepixxu illi ma teżisti ebda leżjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta għal dak li jirrigwarda l-jedd għal smigħ xieraq u dan għaliex persuni milquta b'ordni ta' qbid u ffriżar għandhom jedd ta' kontestazzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll jedd ta' kontestazzjoni jew appell quddiem il-Qorti Kriminali. It-terminu ta' sebat' ijiem tax-xogħol sabiex jiġi intavolat l-appell, sebat' ijiem tax-xogħol sabiex il-prosekuzzjoni u d-Direttur tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi jirrispondu għat-talba u sebat' ijiem tax-xoghol ghad-decizjoni tal-Qorti Kriminali kif kontemplat fl-Artikolu 36(8)(ii) tal-Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta m'humiex termini qosra fihom infsuhom, u wisq anqas m'huma termini li jġibu parti f'sitwazzjoni diffiċli sabiex tikkontesta d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati li tkun saret ai termini tal-Artikolu 36(1) tal-Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta. It-*

*termini indikati bil-liġi jipprevedu element ta' ċertezza legali u sabiex kwistjonijiet li jirrigwardaw il-qbid u ffrizar ta' assi jigu rizolti b'mod sommarju. Illi di più m'hemm xejn x'jistona mad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq u/jew rimedju effettiv għaliex terminu ta' appell ikun wieħed ta' sebat' ijiem utli. Fl-ahhar mill-ahhar anke appelli minn sentenzi tal-Prim Awla tal-Qorti Civili (sede kostituzzjonali) li jkunu bdew permezz ta' referenza huma appellabbli fi zmien tmint ijiem tax-xoghol. Termini ta' appell jew termini stabbiliti mill-legislatur sabiex tigi rizolta vertenza fi zmien stabbilit fil-ligi huma kwistjonijiet permissibbli kemm skont il-Konvenzjoni u kemm skont il-Kostituzzjoni u bl-ebda mod ma jostaw mad-drittijiet fundamentali tal-partijiet. Huwa ovvju illi l-parti milquta bl-ordni diġa' tkun ivventilat l-ilmenti tagħha quddiem l-Ewwel Qorti u għalhekk, quddiem it-tieni Qorti hija trid tikkonvinċi t-tieni għalfejn l-Ewwel Qorti kienet totalment jew parzjalment żbaljata. Ghaldaqstant, fl-umli fehma tal-esponenti, ir-rimedju mogħti permezz tal-Artikolu 36(8)(ii) tal-Kapitolu 621 tal-Liġijiet ta' Malta huwa effettiv.*

3. *Illi fil-każ* ***Balsamo v. San Marino*** *(Applikazzjonijiet numru 20319/17 u 21414/17) il-QEDB fit-8 ta' Ottubru 2019 għarfet illi:*

> *"in the present case the sums were found by the domestic courts to have illicit origins and that during such proceedings the applicants, who were legally represented, have been afforded a reasonable opportunity of putting their arguments before the domestic courts (see Piras v San. Marino, (dec.) no. 27803/16, § 59, 27 June 2017 and Jokela v. Finland, no. 28856/95, § 45, ECHR 2002-IV). The aim of the confiscation was to eliminate such funds from circulating further into the economy, a measure in line with the international standards mentioned-above. In this connection the Court reiterates that respondent States must be given a wide margin of appreciation with regard to what constitutes the appropriate means of applying measures to control the use of property such as the confiscation of all types of proceeds of crime (see, for instance, Yildirim, and Butler, both cited above). 94. In the light of the foregoing, having regard to the authorities' wide margin of appreciation and to the fact that the domestic courts* ***afforded the applicants a reasonable opportunity of putting their case through adversarial proceedings, the Court concludes that the confiscation of the applicants' assets, did not upset the requisite fair balance****."*

*Għandu jingħad illi r-rikorrenti kellhom a reasonable opportunity li jikkontestaw il-ħruġ tal-ordni u kif ukoll id-deċiżjoni nnifisha tal-ordni*[19] *quddiem żewġ fora differenti. Kwindi l-allegazzjoni fir-*

[19]Vide applikazzjoni numru 27803/16 fl-ismijiet ***Fabrizio Stefano PIRAS against San Marino*** deċiża mill-QEDB fils-27 ta' Ġunju 2017 fejn ġie kkunsidrat illi:
*59. Notwithstanding the above finding, the Court must also ascertain whether the applicant was afforded a reasonable opportunity of putting his arguments before the domestic courts (see Veits v. Estonia, no. 12951/11, §§ 72 and 74, 15 January 2015, and Jokela v. Finland, no. 28856/95, § 45, ECHR 2002-IV). The Court notes that the applicant raised his complaint concerning the proportionality of the measure before the Judge of Civil Appeals and the Third-*

*rigward ta' smigħ xieraq hija żbaljata jekk mhux prettament superfiċjali;*

4. *B'żieda ma' dan, fil-każ* ***Perez de Rada Cavanilles v. Spain*** *deċiż mill-QEDB dik il-Qorti tenniet illi:*

> *"45. The rules on time-limits for appeals are undoubtedly designed to ensure the proper administration of justice and compliance with, in particular, the principle of legal certainty. Those concerned must expect those rules to be applied. However, the rules in question, or the application of them, should not prevent litigants from making use of an available remedy."*[20]

*Fl-episodju odjern joħroġ ċar illi ma seħħ ebda intopp proċedurali li qiegħed iwassal għal xi nuqqas għar-rikorrenti sabiex jappellaw l-ordni tal-iffriżar fi żmien stabbilit fil-liġi għaliex fil-fatt appellaw u ġiet appuntata seduta għas-smigħ. F'dan il-każ ma jistax jingħad illi ma kienux jafu x'titlob minnhom il-liġi jew x'hemm imniżżel fl-akkużi fil-konfront tagħhom u wkoll fl-ebda ħin ma allegaw illi kien hemm xi difett proċedurali fil-konfront tagħhom. Għaldaqstant jekk l-ilment tar-rikorrenti huwa biss illi jeżisti terminu, dan waħdu żgur ma jistax iwassal għal leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u/jew l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

5. *Illi l-esponenti huma tal-fehma illi donnha hija l-Qorti Kriminali stess li qiegħda tilmenta u tabbraċċja l-argumenti tal-imputati safejn hija marbuta b'sebat' ijiem tax-xogħol żmien sabiex tagħti d-deċiżjoni tagħha wara li jingħalqu l-proċeduri deskritti fl-Artikolu 36(8)(ii). Bir-rispett dovut lejn dik l-Onorabbli Qorti, m'huwiex mifhum kif dik il-Qorti m'hijiex ser ikollha biżżejjed żmien tirrevedi (u mhux tiddeċiedi mill-ġdid) id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Magistrati meta, jekk wieħed jgħaqqad it-termini kollha tal-partijiet u tal-Qorti stess, dik il-Qorti jkollha terminu ta' madwar tletin ġurnata għad-deċiżjoni tagħha. Terminu bħal dan jinstab u huwa konċepit fil-proċedura eċċezzjonali għal deċiżjoni dwar ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni fejn il-Qorti adita b'rikors ta' dik in-natura għandha xahar żmien sabiex jiġi deċiż il-mandat. Mhux hekk biss, imma l-kontro parti għandha għaxart'ijiem żmien għar-risposta liema terminu jista' jitnaqqas ukoll mill-Qorti (vide artikoli 875 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta). Illi wiehed ma jridx jinsa li dak li tkun qed tara l-Qorti Kriminali huwa jekk ghandhiex tibqa' fis-sehh ordni ta' qbid u ffrizar u mhux tiddeciedi kawza fil-mertu.*

6. *Illi l-esponenti jirrilevaw illi l-liġi in kwistjoni tippreffiġġi terminu ta' sebat' ijiem tax-xogħol sabiex il-Qorti Kriminali tiddeċiedi appell*

---

*Instance Criminal Judge and thus had access to two levels of jurisdiction on the matter. Moreover, the applicant was represented by a lawyer of his choice who took part in an oral hearing before the Third-Instance Judge. In addition, the investigating judge summoned the applicant for questioning as part of the seizure decision.*

[20] Applikazzjoni numru 28090/95, deċiża fit-28 t'Ottubru 1998.

*imressaq mill-parti milquta bl-ordni* ***propju sabiex tissalvagwardja d-drittijiet ta' tali persuna*** *u dan għaliex huwa bil-wisq ovvju illi kemm-il darba, għall-grazzja tal-argument, l-ordni tal-Qorti tal-Maġistrati m'hijiex waħda siewja tali effett fuq il-parti milquta bl-ordni jiġi minimalizzat in vista tat-termini ben indikati u prefissi mill-liġi. Għalhekk, dak it-terminu li jipprevedi li l-Qorti Kriminali tagħti ordni fiż-żmien prefiss mil-liġi meta tappella l-parti milquta bl-ordni tal-iffriżar huwa intiż sabiex ikun favorevoli għall-istess akkużat u mhux bil-kontra kif jallegaw ir-rikorrenti u kif taċċenna l-Qorti Kriminali stess.*

7. *Illi l-esponenti jirrilevaw illi fir-referenza kostituzzjonali, il-Qorti Kriminali staqsiet jekk kienx hemm, jew x'aktarx ser ikun hemm, ksur tal-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni. Mhux ċar għala l-Qorti Kriminali qed tirreferi għal dan l-Artikolu partikolari, peress li dan l-Artikolu jissalvagwardja l-libertà tal-ħsieb, il-kuxjenza u reliġjon. Il-materja in diżamina ma għandha xejn x'taqsam ma' dan il-jedd fundamentali u kwindi dina l-Onorabbli Qorti għandha ukoll tiddikjara li ma hemmx leżjoni ta' dan l-Artikolu Konvenzjonali.*

8. *Illi skont l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, għandu jingħad li skont il-proviso ta' dan l-istess Artikolu, l-Istat għandu kull jedd li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa u dan sabiex jikkontrolla l-użu ta' proprjetà skont l-interess ġenerali, f'dan il-każ partikolarment meta persuni tigi mixlija b'reati ta' ħasil ta' flus u b'hekk ikun hemm il-ħtieġa illi l-flejjes u l-assi ma jiġux dissipati. Illi f'dan is-sens huwa magħruf fil-ġurisprudenza li l-Istat igawdi minn diskrezzjoni wiesgħa sabiex jidentifika x'inhu meħtieġ fl-interess ġenerali.*

9. *Illi l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta huwa eskluż bid-dispożizzjoni tal-Artikolu 37(2)(h) (fl-esekuzzjoni ta' sentenzi jew ordnijiet ta' qrati)[21], kif ukoll l-Artikolu 37(2)(k) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u kwindi l-invokar tiegħu huwa ab initio irritwali u null.*

10. *Illi dwar l-allegazzjoni tal-ksur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja, kif diġa' ngħad tali dritt m'huwiex wieħed assolut u huwa suġġett għal ordnijiet legali u proprozjonati. F'dan il-kuntest m'hijiex tiġi diskussa l-proporzjonalità tal-ordni imma jekk ir-rimedju li tipprovdi l-liġi jagħtix aċċess għal smigħ xieraq lill-akkużati jikkontestaw l-ordni maħruġa mill-Qorti tal-Maġistrati. Fiċ-ċirkostanzi fejn l-akkuzati diġa' kienu jafu r-raġunijiet għall-ordni tal-iffriżar minn meta ġew notifikati bl-akkużi, fl-istadju fejn ġiet mitluba mill-Prosekuzzjoni l-ħruġ tal-ordni ta' ffriżar u fl-istadju fejn il-Qorti tal-Magistrati fissret b'mod dettaljat u mirqum l-ordni tagħha, ma jistax jingħad mir-rikorrenti illi huma ma kienux f'pożizzjoni jaċċedu għal*

[21] Vide Sentenza fl-ismijiet ***Edmond Espedito Mugliett et vs. Il-Ministru tal-Ġustizzja et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Marzu 2012

*kontestazzjoni taħt l-Artikolu 36(8)(ii) tal-Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-fatt l-imputati fasslu appelli dettaljati u studjati. Jekk tali appelli jirnexxux o meno hija storja oħra, imma dan ma jfissirx illi ġew b'xi mod preġudikati mit-tgawdija tal-proprjetà tagħhom fl-isfond tal-miżuri legali li ttieħdu fil-konfront tagħhom.*

11. *Illi fil-mertu l-esponenti jeċċepixxu illi fir-referenza kostituzzjonali hemm żbalji tad-dritt, u miżinterpretazzjonijiet tal-garanziji provduti fl-Artikolu 36 tal-Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta, liema garanziji għandhom ix-xogħol li jħarsu kemm l-interess ta' persuni imputati, kif ukoll l-interessi tal-Prosekuzzjoni fil-ġlieda kontra l-kriminalità. Meta tintalab ordni ta' ffriżar,* ***ai termini tal-Artikolu 36(3)(b), il-persuna akkużata dejjem għandha l-jedd li tikkontesta tali ordni****. Ifisser li kull darba li l-Prosekuzzjoni tittenta titlob xi ħaġa, kemm għall-ħruġ tal-ordni (kif provdut fl-Artikolu 36(4)) kif ukoll għaż-żieda jew tnaqqis ta' oġġetti (kif provdut fl-Artikolu 36(3)(d)), u li din tiġi akkolta mill-Qorti tal-Maġistrati,* ***persuna imputata dejjem tista' tirrikorri għar-reviżjoni tal-Qorti Kriminali****.*

12. *Illi l-esponenti jirrilevaw illi l-proċedura taħt l-Artikolu 36(8)(ii) teżiġi li rikors irid isir fi żmien sebat' ijiem tax-xogħol. Dan huwa diġà aktar mit-tlett ijiem tax-xogħol li preċedentement kien konċess fl-Artikolu 23A(5) tal-Kap. 9. Il-Leġislatur dejjem ried li dawn il-materji jiġu deċiżi b'ċerta ċelerità u* ***dan fl-interess tal-akkużat stess kif hawn fuq imfisser****. It-terminu mhuwiex partikolarment qasir. Fil-fatt hemm diversi termini oħra fil-Liġi li huma qosra per ezempju: appell kriminali jrid isir fi tnax-il jum tax-xogħol u appell kostituzzjonali jrid isir fi tmint' ijiem tax-xogħol minn proċeduri ta' referenza kostituzzjonali.*

13. *Illi l-esponenti huma tal-fehma illi persuna akkużata għandha rimedji u salvagwardji oħra li jżommu l-parità bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiża u għaldaqstant mhuwiex il-każ li mhemmx jedd ta' kontestazzjoni jew reviżjoni tal-Ordni ta' Qbid u ffriżar matul il-pendenti tal-proċeduri kriminali. Ai termini tal-Artikolu 36(5), meta ordni ta' ffriżar tkun inħarġet, persuna xorta waħda tista' titlob għal varjazzjonijiet biex jipprovdu għall-għejxien diċenti (Artikolu 36(5)(a)), biex tkun tista' tkompli bin-negozju tagħha (Artikolu 36(b)(i)), biex tħallas djun lil kredituri in bona fede (Artikolu 36(b)(ii)) u biex tittrasferixxi proprjetà mobbli jew immobbli li tista' tkun soġġetta għall-iffriżar (Artikolu 36(b)(iii).* ***Dan ir-rimedju jista' jiġi utilizzat mid-Difiża fi kwalunkwe stadju tal-proċeduri kriminali****.*

14. *Illi l-esponenti jirrilevaw illi ghalkemm m'hemmx giurisprudenza dwar ir-reġim legali ġdid introdott permezz tal-Att VI tal-2024, il-ġurisprudenza dwar l-elementi li jfasslu ordnijiet ta' ffriżar ġew meqjusa mill-Qrati taghna f'diversi sentenzi bhal per eżempju fis-sentenza fl-ismijiet* ***Yorgen Fenech vs. L-Avukat tal-Istat*** *deċiża*

*mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' Frar 2024 fejn dik il-Qorti għarfet il-bilanċ illi l-liġi stess tilħaq fir-rigward tal-ġlieda kontra d-delinkwenza u d-drittijiet tal-akkużat, fis-sentenza* ***Edward Caruana vs. L-Avukat tal-Istat et*** *deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta fid-29 ta' Settembru 2023 (sub iudice) fejn dik il-Qorti fissret il-procedural safeguards li tipprovdi l-liġi u li allura* ***llum il-ġurnata gew saħanistra imtejba****, fis-sentenza fl-ismijiet* ***Graziella Attard (KI: 484981M) vs Avukat tal-Istat u l-Avukat Generali*** *deċiża riċentement minn din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta fis-27 ta' Ġunju 2024 (sub iudice) fejn il-Qorti kkunsidrat il-varji okkazzjonijiet li kellha r-rikorrenti li tintavola rikors sabiex tiġi varjata l-ordni ta' ffriżar u fis-Sentenza* ***Angelo Zahra vs. L-Avukat Generali*** *deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti fit-22 ta' Ottubru 2019 fejn għal darb'oħra l-Qorti għarfet illi l-liġi tipprovdi għal mekkaniżmu effettiv sabiex akkużat milqut b'tali ordni jkun jista' jtaffi l-effetti tagħha. Il-prinċipji u kunsiderazzjonijiet applikabbli fir-reġim preċedenti huma applkabbli anke għar-reġim il-ġdid, u għalhekk dina l-Onorabbli Qorti tista' tagħmel ampja referenza għall-prinċipji kif dedotti f'din il-ġabra ta' ġurisprudenza.*

*Għaldaqstant fid-dawl ta' dan kollu, l-esponenti umilment jadixxu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara illi ma hemm ebda lok għal referenza ai termini tal-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4(3) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta u tirrimandi l-atti lura lil Qorti Referenti jew f'nuqqas ta' dan tiddikjara illi ma hemm ebda leżjoni taħt l-artikoli kollha indikati fir-referenza, bl-ispejjeż ta' dan l-episodju jitħallsu kollha minn Clarence John Conger, Karl Cini, Nexia BT, Brian Tonna, Konrad Mizzi, Mario Victor Gatt, Keith Schembri, Kasco Engineering Company Limited, FSV Limited u Mtrace plc."*

5. B'digriet mogħti fl-udjenza tal-5 ta' Lulju 2024[22] il-Qorti laqgħet it-talba ta' Keith Schembri, Kasco Engineering Company Limited u FSV Limited għas-sejħa fil-kawża ta' Joseph Muscat u Adrian Hillman.

## Is-Sentenza Appellata

[22] Fol. 784

6. Permezz tas-sentenza hawn appellata, mogħtija fil-25 ta' Lulju 2024, il-Qorti tal-ewwel grad wieġbet għar-referenza li saritilha kif ġej:

> *"(i) filwaqt li tilqa' l-eċċezzjoni preliminari tal-intimati biss sa fejn ir-riferenza trid lil din il-Qorti tqis hemmx ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti fejn isseħħ varjazzjoni tal-Ordni fuq talba tal-Avukat Ġenerali;*
>
> *(ii) twieġeb li ma ssibx li r-rikorrenti qed isoffru jew ser isoffru minn xi vjolazzjoni taħt l-Artikolu 6 u 9 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u taħt l-artikoli 37 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll taħt l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem minħabba li ser jiġi leż d-dritt tagħhom għal smigħ xieraq, kif ukoll id-dritt tagħhom għal jedd ta' tgawdija tal-proprjetà tagħhom fil-proċeduri magħmula quddiem il-Qorti Kriminali fit-termini ta' l-Artikolu 36(8)(ii) tal-Kapitolu 621 tal-Liġijiet ta' Malta, u konsegwentement, issib li m'hemm lok li jingħata ebda rimedju;*
>
> *(iii) tordna li l-ispejjeż jiġu sopportati mir-rikorrenti;*
>
> *(iv) finalment tordna li kopja awtentikata ta' din id-deċiżjoni tiġi, jekk u meta tgħaddi in ġudikat, inserita fl-atti tal-proċeduri pendenti quddiem il-Qorti Kriminali li minnhom ġiet ordnata din ir-riferenza."*

7. Sa fejn rilevanti għall-finijiet ta' dan l-appell, il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti għal dik id-deċiżjoni kienu dawn:

> *"**<u>L-Eċċezzjoni Preliminari</u>***
>
> *10. Fir-risposti tagħhom, l-Avukat Ġenerali u l-Avukat tal-Istat jissollevaw l-eċċezzjoni li r-riferenza li ġiet quddiem din il-Qorti ma kellhiex issir in primis. Huma ssottomettew li l-Qorti Kriminali ma kellha ebda mpediment li jżommha milli tissokta bis-smigħ tar-rikorsi mressqa mir-rikorrenti. Ikomplu billi jgħidu li din il-Qorti għandha qabel xejn tiżen x'inhuwa r-riżultat utili li r-rikorrenti jistgħu jiksbu minn din ir-riferenza, u fin-nuqqas li tiġi determinata tali utilità, għandha ssib li r-riferenza qatt ma jmissha saret.*
>
> *11. L-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni jgħid hekk:*
>
>> *Jekk f'xi proċeduri f'xi qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin), dik il-qorti għandha tibgħat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili*

> *kemm-il darba fil-fehma tagħha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx sempliċement frivola jew vessatorja; u dik il-qorti għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha fuq kull kwistjoni mibgħuta quddiemha skont dan is-subatikolu u, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subatikolu (4) ta' dan l-Artikolu, il-qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni għandha tiddisponi mill-kwistjoni skont dik id-deċiżjoni.*

*filwaqt li l-Artikolu 4(3) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi hekk:*

> *Jekk f'xi proċedimenti f'xi qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi wieħed mid-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali, dik il-qorti għandha tibgħat il-kwistjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili kemm-il darba fil-fehma tagħha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx sempliċement frivola jew vessatorja; u dik il-qorti għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha fuq kull kwistjoni mibgħuta quddiemha skont dan is-subatikolu u, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subatikolu (4), il-qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni għandha tiddisponi mill-kwistjoni skont dik id-deċiżjoni.*

*12. Fid-deċiżjoni **Il-Pulizija vs. Belin sive Benigno Saliba** (Qorti Kostituzzjonali, 10/4/1991)[23] intqal:*

> *Fil-Qrati ta' kompetenza Kriminali, f'kull grad u f'kull funzjoni, jiġifieri kemm ta' ġudikatura kriminali kif ukoll ta' Istruttorja, meta – tiġi sollevata kwistjoni hekk imsejħa "kostituzzjonali" u partikolarment, il-vjolazzjoni ta' xi wieħed mill-prinċipji sanċiti fl-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni – huwa l-ewwelnett dover tal-maġistrat jew imħallef li jeżamina jekk dik il-kwistjoni hijiex (a) diġà kontemplata fil-liġi ordinarja u (b) jekk hija, hemmx rimedju għall-allegata irregolarità. Huwa manifest illi l-biċċa l-kbira tal-prinċipji fundamentali tal-proċedura kriminali li hemm fil-Kostituzzjoni kienu ilhom reċipiti fil-Kodiċi Kriminali. Huwa daqstant ieħor manifest illi fejn il-Kodiċi Kriminali jfornixxi rimedju tajjeb u sodisfaċenti dan għandu jiġi mill-ewwel applikat, u ebda Qorti, f'din is-sitwazzjoni m'għandha twaqqaf dak ir-rimedju, u twaqqaf il-proċeduri, biex tistenna r-rimedju kostituzzjonali.*

*13. Il-Qorti Kostituzzjonali kompliet tispjega f'aktar dettall dak li għandu jiġi kkunsidrat mill-qorti riferenti meta tiġi biex timxi skont id-dispożizzjonijiet ċitati aktar qabel fid-deċiżjoni tagħha **Edgar Blundell et vs. Direttur tas-Sigurtà Soċjali** (20/3/2000)[24] billi osservat:*

> *Hu però aktar minn ċar mid-diċitura ta' dan is-subinċiż li tali kwistjoni kostituzzjonali kellha tkun materjalment u intrinsikament konnessa mal-meritu pendenti quddiem il-Qorti li tkun għamlet ir-riferenza. Tant, illi d-deċiżjoni dwarha mill-Prim'Awla jew eventwalment mill-Qorti Kostituzzjonali f'każ li jsir appell, kienet torbot lill-Qorti li tkun għamlet riferenza. Tant, illi l-Qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni kellha tiddisponi mill-kwistjoni skond dik id-deċiżjoni;*

[23] Kollezz. Vol.LXXV.i.168.
[24] Kollezz. Vol.LXXXIV.i.1.

> *Din ir-rabta inxindibbli bejn il-kwistjoni kostituzzjonali li tkun qamet u li tkun tirrikjedi riferenza u l-meritu fil-proċeduri pendenti quddiem xi Qorti li ma tkun Prim'Awla jew Qorti Kostituzzjonali, hi ta' l-essenza ta' dan is-subinċiż kif hi ukoll ta' l-essenza li r-riferenza li kellha ssir minn dik il-Qorti quddiem il-Prim'Awla kellha tirrifletti bi preċiżjoni l-kwistjoni li tkun qamet quddiemha, li fil-fehma tagħha t-tqanqil tagħha ma kienx sempliċement frivolu jew vessatorju u wkoll li din kienet tirrikjedi li tiġi determinata mill-Qorti kompetenti qabel ma setgħet tipproċedi bis-smigħ tal-proċeduri quddiemha u bid-determinazzjoni ta' dak il-meritu. Dan proprju għaliex biex biex tiddetermina u tiddeċiedi dak il-meritu, hi kienet teħtieġ qabel xejn id-direzzjoni tal-organu ġudizzjarju kompetenti fuq il-kwistjoni kostituzzjonali ssollevata quddiemha, liema deċiżjoni kienet marbuta ssegwi*

*14. Dawn il-prinċipji li issa ilhom stabbiliti għadhom jgħoddu sal-lum, tant li aktar riċentement il-Qorti Kostituzzjonali qieset li: «Il-Qorti hi tal-fehma li f'dan il-każ partikolari ma kienx hemm bżonn li ssir ordni ta' referenza. Proċeduri ġudizzjarji, huma x'inhuma, m'għandhomx isiru biss għal skop akkademiku»[25]. Dan għalhekk ifisser li fir-riferenza għandhom jiġu nklużi biss dawk il-kwistjonijiet li jkunu jinċidu direttament u materjalment fuq il-proċeduri li jkollha quddiemha l-Qorti riferenti. Dawk il-kwistjonijiet li, anki jekk jistgħu jippreżentaw fl-astratt il-possibilità ta' kwistjonijiet kostituzzjonali jew konvenzjonali, però ma jinċidu b'ebda mod materjali fuq il-proċeduri ordinarji, m'għandhomx jiġu riferuti lil din il-Qorti.*

*15. Fid-dikriet li bih ġiet ordnata r-riferenza, il-Qorti Kriminali fissret kif l-emendi magħmula bl-Att VI tal-2024 ħolqu jedd t'azzjoni favur il-persuna mputata sabiex tikseb reviżjoni ta' ordni ta' qbid u ffriżar maħruġ fil-konfront tagħha. Dik il-Qorti rrilevat li t-termini qosra li fihom l-imputat jista' jesperixxi dak il-jedd t'azzjoni, u li fihom il-Qorti Kriminali kienet marbuta biex tiddeċiedi l-istess azzjoni, kienu joħolqu dubju dwar l-effettività ta' dak ir-rimedju, speċjalment meta wieħed iqis li dawn l-istess termini qosra mhux applikabbli meta jkun l-Avukat Ġenerali li jipproċedi biex jikkontesta ċ-ċaħda tat-talba tiegħu għall-ħruġ tal-ordni ta' qbid u iffriżar, kif ukoll li mhux mogħti lill-akkużat li jikkontesta l-Ordni fi żmien ieħor matul il-proċeduri penali jew wara li tintalab varjazzjoni tal-Ordni mill-Avukat Ġenerali. Il-Qorti Kriminali għaddiet biex tqis li dawn iċ-ċirkostanzi, speċjalment fid-dawl tal-fatt illi l-persuna akkużata ma setgħetx tistitwixxi l-kontestazzjoni tagħha kontra l-Ordni fi kwalsiasi żmien iżda f'terminu limitat, kienu jqanqlu kwistjoni dwar jekk id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 36(8)(ii), li joħolqu dan il-jedd t'azzjoni, kienux kompatibbli u konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea li ġew indikati fid-dikriet li bih ġiet ordnata din ir-riferenza.*

*16. Fiċ-ċirkostanzi tal-każ, din il-Qorti qed tifhem li l-Qorti Kriminali dehrilha li l-kwistjonijiet imqanqlin mir-rikorrenti kienu jimpinġu fuq il-kwalità tas-smigħ li l-liġi ordinarja kienet qed takkordalhom quddiemha,*

[25] ***Il-Pulizija (Spettur Sarah Magri) vs. Joseph Muscat*** (Qorti Kostituzzjonali, 25/10/2023).

*fis-sens li t-termini qosra mposti minn dik il-liġi ordinarja kienu jrendu s-smigħ tal-kontestazzjoni dedotti mir-rikorrenti ineffikaċi u kwindi bla effett, u dan bi ksur tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea. Kien għalhekk li hija waqfet mis-smigħ tar-rikorsi li fihom tqanqlet din il-kwistjoni.*

*17. Fis-sottomissjonijiet orali li saru quddiem din il-Qorti, l-intimati sostnew illi l-Qorti Kriminali ma kellhiex il-ħtieġa li tieqaf tisma' dawn ir-rikorsi, u li l-kwistjoni għalhekk sollevata mir-rikorrenti ma kinitx waħda li materjalment tinċidi fuq il-meritu ta' dawk ir-rikorsi, tant li l-Qorti Kriminali stess kienet għaddiet biex semgħet u ddeċidiet rikorsi simili mressqin minn akkużati oħrajn, mingħajr ma ordnat li ssir riferenza kif sar fil-każ tar-rikorrenti, jew mingħajr ma ordnat is-sospensjoni tal-proċeduri pendenti l-eżitu ta' din ir-riferenza, kif ordnat fil-każ tal-imsejħin fil-kawża.*

*18. Din il-Qorti ma taqbilx interament mas-sottomissjoni tal-intimati.*

*19. Il-kwistjoni riferuta mill-Qorti Kriminali hija waħda li tinċidi fuq il-mod kif id-dritt t'azzjoni mogħti lill-akkużat taħt l-Artikolu 36(8)(ii) tal-Att jinstema', u jekk il-mod kif dak id-dritt t'azzjoni jinstema' jrendix dik l-azzjoni ineffettiva. F'dan is-sens għalhekk il-kwistjoni hija waħda li tista' tinċidi fuq il-proċedura nnifisha li għandha tiġi segwita mill-Qorti Kriminali qabel tgħaddi biex tiddeċiedi dwar ir-rikorsi tar-rikorrenti, u għalhekk dik il-kwistjoni teħtieġ li tiġi epurata qabel jigu deċiżi l-istess rikorsi. Dan għaliex jekk tassew dik il-proċedura tledi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, huwa fid-dmir tal-Qrati, u wisq iktar ta' din il-Qorti fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha, li fejn possibbli tevita l-konsumazzjoni tal-vjolazzjoni minflok tħalli l-vjolazzjoni tiġi konsumata biex imbagħad tagħti rimedju sussegwentement.*

*20. Il-fatt li l-kwistjoni kostituzzjonali u konvenzjonali ma ġietx sollevata f'kull rikors magħmul taħt l-Artikolu 36(8)(ii) tal-Att preżentat mill-akkużati l-oħra ma jfissirx li r-riferenza fil-każ tar-rikorrenti saret ħażin. Għalkemm hu minnu li kien ikun aħjar, f'ġieh il-konsistenza, li dawn ir-rikorsi kollha jieħdu l-istess kors, ma jfissirx li dak li seħħ fir-rikorsi l-oħrajn li ġew deċiżi jista' jippreġudika d-drittijiet tar-rikorrenti fil-proċeduri rispettivi tagħhom.*

*21. Fejn però din il-Qorti tasal li taqbel mal-intimati hija fejn ir-riferenza trid li din il-Qorti tikkonsidra jekk hemmx leżjoni fid-drittijiet tar-rikorrenti billi mhux mogħti lilhom id-dritt li jikkontestaw l-Ordni wara li ssir varjazzjoni tiegħu fuq talba mill-Avukat Ġenerali. Fil-każ tar-rikorrenti, ebda varjazzjoni ma ntalbet u għalhekk din il-parti tar-riferenza tirrigwarda każ ipotetiku li jekk jiġi eżaminat minn din il-Qorti, isarraf biss f'eżerċizzju akkademiku li żgur m'għandux isir minnha.*

*22, Għalhekk l-eċċezzjoni preliminari tal-intimati qed tiġi milqugħa biss sa fejn ir-riferenza trid li din il-Qorti tqis hemmx ksur tad-drittijiet*

*fundamentali tar-rikorrenti fejn isseħħ varjazzjoni tal-Ordni fuq talba tal-Avukat Ġenerali.*

***Il-Meritu***

***23. Il-kwistjoni li għandha quddiemha l-Qorti hija jekk il-brevità tat-termini mposti għad-deduzzjoni u għad-determinazzjoni tal-azzjoni taħt l-Artikolu 36(8)(ii) tal-Att twassalx biex dik l-azzjoni titqies ineffettiva.***

*24. Sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha, il-Qorti bil-fors trid tqis b'mod ġenerali kif isir il-ħruġ u kif inhu l-mod ta' kontestazzjoni ta' ordni ta' qbid u iffriżar skont l-Artikolu 36 tal-Att. L-Artikolu 36(1) fil-fatt jipprovdi:*

> *Meta persuna tkun akkużata b'reat relevanti, il-Qorti għandha, fuq talba tal-prosekuzzjoni, tagħmel Ordni, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "Ordni ta' Qbid u Ffriżar", li bih tiġi sekwestrata kwalunkwe proprjetà li tkun f'idejn partijiet terzi li dwarha jkun hemm raġuni valida sabiex jitwemmen li l-proprjetà hija soġġetta għall-konfiska, u li żżomm u tipprojbixxi lill-akkużat milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka, jew b'xi mod ieħor ibiddel jew jiddisponi minn dik il-proprjetà u minn proprjetà oħra tiegħu jew li tkun fil-pussess tiegħu.*

*25. Ir-rikorrenti lmentaw, kemm quddiem din il-Qorti u kemm quddiem il-Qorti Kriminali, mill-fatt li quddiem il-Qorti Struttorja, din id-dispożizzjoni ġiet interpretata b'mod u manjiera li dik il-Qorti m'għandhiex diskrezzjoni dwar jekk tilqax it-talba għall-ħruġ tal-Ordni, peress li l-liġi tgħid li «...l-Qorti għandha...». Madanakollu dak li seħħ quddiem il-Qorti Struttorja m'huwiex il-meritu tar-riferenza li għandha quddiemha din il-Qorti. Dak li huwa l-meritu tar-riferenza jirrigwarda biss l-Artikolu 36(8)(ii), li jgħid hekk:*

> *Meta ordni skont is-subatikolu (1) jinħareġ mill-Qorti tal-Maġistrati, l-imputat jista', fi żmien sebat (7) ijiem tax-xogħol mid-data tad-deċiżjoni tal-Qorti, jippreżenta rikors quddiem il-Qorti Kriminali fejn jitlob ir-revoka sħiħa jew parzjali tal-ordni, iżda l-ordni għandu jibqa' fis-seħħ sakemm tingħata d-deċiżjoni mill-Qorti Kriminali. Il-Qorti Kriminali għandha tagħti sebat (7) ijiem tax-xogħol lill-prosekuzzjoni u lid-Direttur sabiex jirrispondu għat-talba tal-imputat. Id-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali fuq ir-rikors għandha tingħata fi żmien sebat (7) ijiem tax-xogħol minn meta jiġu ppreżentati r-risposti jew minn meta jkun skada t-terminu għall-preżentata tagħhom.*

*26. Il-pożizzjoni legali li temerġi mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 36 tal-Att tista' tiġi riassunta kif ġej:*

- *meta persuna tiġi mixlija quddiem il-Qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali b'«reat rilevanti», il-Prosekuzzjoni tista' titlob il-ħruġ ta' ordni ta' qbid u ffriżar kontra l-akkużat;*
- *dik it-talba tista' ssir b'rikors inkella bl-att li bih jiġu dedotti l-akkużi;*

- *l-ordni ta' qbid u ffriżar għandu jinħareġ kontra kull proprjetà li fil-konfront tagħha hemm «raġuni valida» sabiex jitwemmen li din tkun soġġetta għal konfiska;*
- *skont l-Artikolu 3(6) tal-Att, proprjetà soġġetta għall-konfiska tinkludi «rikavat mill-kriminalità», «proprjetà li tiffaċilità» u «kull proprjetà involuta f'reat ta' money laundering». Dawn il-frażijiet huma kollha mogħtija tifsiriet fl-Artikolu 3;*
- *id-dritt tal-akkużat li jikkontesta l-Ordni huwa skont kif provdut fl-Artikolu 36(8)(ii), li jindika li dan il-jedd t'azzjoni huwa provdut b'mod tassattiv;*
- *il-prosekuzzjoni tista', fi kwalsiasi żmien matul il-kors tal-proċeduri penali, titlob lill-Qorti tvarja l-Ordni, billi titnaqqas jew tiżdied il-proprjetà milquta;*
- *l-Ordni jkun limitat għal dawk l-assi indikati mill-prosekuzzjoni jew inkella għal dik is-somma ta' flus li tkun indikata mill-prosekuzzjoni fir-rikors jew fl-att li bih jinbdew il-proċeduri penali. F'każ però li din l-indikazzjoni tkun nieqsa, l-Qorti għandha xorta waħda toħroġ l-Ordni «li jkun biżżejjed sabiex tiġi ppreservata dik il-proprjetà kif jista' jkun meħtieġ sabiex tissoddisfa l-ordni tal-konfiska, sa u inklużi l-assi kollha tal-akkużat», b'dan li l-Prosekuzzjoni jkollha disgħin jum biex tistabbilixxi liema proprjetà se tkun soġġetta għal konfiska. Dan it-terminu jista' jiġġedded mill-Qorti għal disgħin jum ieħor f'każ li tintwera raġuni tajba;*
- *jekk fit-terminu mogħti l-prosekuzzjoni tillimita t-talba tagħha dwar l-Ordni għal xi attiv jew somma partikolari, mela l-effetti tal-Ordni jiġu limitati. Jekk dan ma jsirx fit-terminu mogħti, l-effetti tal-Ordni jispiċċaw;*
- *l-Ordni jista' jiġi varjat mill-Qorti fuq talba tal-akkużat li ssir b'rikors;*
- *jekk il-Qorti ma tilqax it-talba għall-ħruġ tal-Ordni, minflok għandha toħroġ ordni ta' ffriżar temporanju li jkollu l-istess effett bħall-Ordni maħsub taħt l-Artikolu 36(1). L-Avukat Ġenerali jkollu sebat ijiem tax-xogħol biex jikkontesta dik id-deċiżjoni quddiem il-Qorti Kriminali, li għandha tagħti sebat ijiem tax-xogħol lill-akkużat biex iwieġeb. Sakemm tasal għad-deċiżjoni tagħha, l-ordni temporanju għandu jibqa' fis-seħħ, u l-liġi ma timponi ebda terminu sabiex il-Qorti Kriminali tiddeċiedi dwar il-kontestazzjoni tal-Avukat Ġenerali;*
- *jekk, min-naħa l-oħra, it-talba għall-ħruġ tal-Ordni tintlaqa', l-akkużat ukoll ikollu sebat ijiem tax-xogħol biex jikkontesta dik id-deċiżjoni b'rikors. L-Avukat Ġenerali u d-Direttur tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi jkollhom sebat ijiem tax-xogħol biex iwieġbu, u l-Qorti Kriminali jkollha sebat ijiem tax-xogħol minn meta jiskadi dan l-aħħar terminu jew minn meta tiġi preżentata l-aħħar risposta biex tiddeċiedi.*

*27. Il-liġijiet domestiċi li jirregolaw l-iffriżar u l-konfiska tal-proprjetà b'rabta ma' proċeduri penali għandhom ilkoll jitqiesu fid-dawl u b'riferenza għal-liġi komunitarja dwar l-istess materja, u ċjoè d-Direttiva*

*2014/42/UE dwar l-iffriżar u l-konfiska ta' mezzi strumentali u r-rikavat minn attività kriminali fl-Unjoni Ewropea. Il-Qorti tagħmel riferenza b'mod partikolari għall-Artikolu 8 ta' din id-Direttiva, fejn jingħad fost ħwejjeġ oħra:*

> *1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-persuni affettwati mill-miżuri previsti skont din id-Direttiva jkollhom id-dritt għal rimedju effettiv u proċess ġust sabiex jitħarsu d-drittijiet tagħhom.*
>
> *2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-ordni ta' ffriżar tiġi kkomunikata lill-persuna affettwata mill-iktar fis possibbli wara li tiġi eżegwita. Tali komunikazzjoni għandha tindika, għall-inqas fil-qosor, ir-raġuni jew raġunijiet li għalihom ittieħdet l-ordni kkonċernata. Meta jkun jeħtieġ li jiġi evitat li tiġi pperikolata l-investigazzjoni kriminali, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jipposponu l-komunikazzjoni tal-ordni ta' ffriżar lill-persuna affettwata.*
>
> *3. L-ordni ta' ffriżar għandha tibqa' fis-seħħ biss sakemm ikun meħtieġ li l-proprjetà tiġi ppreservata fid-dawl tal-possibbiltà li tiġi kkonfiskata sussegwentement.*
>
> *4. L-Istati Membri għandhom jipprevedu l-possibbiltà effettiva li l-persuna li l-proprjetà tagħha tkun ġiet affettwata tikkontesta l-ordni ta' ffriżar quddiem qorti, f'konformità mal-proċeduri stipulati fil-liġi nazzjonali. Tali proċeduri jistgħu jipprevedu li meta l-ordni ta' ffriżar inizjali tkun ittieħdet minn awtorità kompetenti li ma tkunx awtorità ġudizzjarja, tali ordni l-ewwel għandha tintbagħat għall-validazzjoni jew ir-rieżami lill-awtorità ġudizzjarja qabel ma tkun tista' tiġi kkontestata quddiem qorti.*

*28. Fid-deċiżjoni tagħha fil-każ **Yvonne van Duyn vs. Home Office** (Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, 4/12/1974)*[26]*, ġie osservat hekk dwar il-possibilità li direttivi komunitarji jkollhom effett dirett fl-Istati Membri:*

> *13 Madankollu, jekk bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 189, ir-regolamenti huma applikabbli direttament u, konsegwentement, minħabba n-natura tagħhom jistgħu jipproduċu effetti diretti, dan ma jfissirx li kategoriji oħra ta' atti msemmija f'dan l-Artikolu ma jista' qatt ikollhom effetti simili.*
> *14 Ikun inkompattibli mas-setgħa vinkolanti li l-Artikolu 189 jattribbwixxi lid-direttiva, li tiġi eskluża, fil-prinċipju, il-possibbiltà li l-obbligu impost mid-direttiva jiġi invokat minn dawk ikkonċernati.*
> *15 B'mod partikolari meta, permezz ta' direttiva, l-awtoritajiet Komunitarji jimponu l-obbligu fuq l-Istati Membri li jsegwu imġiba partikolari, l-effett utli ta' tali att jiddgħajjef jekk l-individwi ma jitħallewx jibbażaw ruħhom fuqu quddiem il-qrati nazzjonali tagħhom u jekk dawn ta' l-aħħar jiġu mfixkla milli jieħduh in kunsiderazzjoni bħala element tad-dritt Komunitarju.*
> *16 L-Artikolu 177, li jawtorizza lill-qrati nazzjonali li jirreferu domandi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-validità u l-interpretazzjoni ta' l-atti kollha ta' l-istituzzjonijiet, mingħajr distinzjoni, barra minn hekk*

[26] C-41/74.

> *jimplika li dawn l-atti jistgħu jiġu invokati mill-individwi fil-qrati nazzjonali.*
> *17 Huwa neċessarju li f'kull każ jiġi eżaminat jekk in-natura, l-iskema ġenerali u l-kliem tad-dispożizzjoni in kwistjoni jistgħux jipproduċu effetti diretti fuq ir-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri u l-individwi.*

*29. Iktar riċentement, fid-deċiżjonijiet* ***Arcor AG & Co. KG (C-152/07), Communication Services TELE2 GmbH (C-153/07) u Firma 01051 Telekom GmbH (C-154/07) vs Bundesrepublik Deutschland*** *(Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, 17/7/2008) ġie osservat: «F'dan ir-rigward, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li, fil-każijiet kollha fejn id-dispożizzjonijiet ta' direttiva jidhru, mill-aspett tal-kontenut tagħhom, inkundizzjonati u preċiżi biżżejjed, l-individwi jistgħu jinvokawhom quddiem il-qrati nazzjonali kontra l-Istat Membru, meta dan ikun ittrasponiha b'mod inkorrett (ara s-sentenza tal-5 ta' Ottubru 2004, Pfeiffer et, C-397/01 sa C-403/01, Ġabra p. I-8835, punt 103 u l-ġurisprudenza ċċitata)».*

*30. Dan kollu qed jingħad biss fis-sens li l-liġi Maltija għandha dejjem tinftiehem u tinqara fid-dawl tal-liġi komunitarja applikabbli, jekk ikun hemm, u fejn il-Qorti li quddiemha tkun inqalgħet kwistjoni dwar dik il-liġi jidhrilha li jkun hemm inkonsistenza bejn dak provdut fil-liġi Maltija u dak impost fil-liġi komunitarja, għandha tapplika l-liġi komunitarja fejn din ikollha l-effett dirett[27], bla ħsara għall-fakultà tal-Qorti nazzjonali li timxi skont l-Artikolu 267 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea fejn ikunu jikkonkorru ċ-ċirkostanzi li jiġġustifikaw it-teħid ta' dik il-proċedura[28].*

*31. Naturalment dan qed jiġi osservat biss fis-sens li kwistjonijiet dwar il-konformità tal-liġi Maltija mal-liġi komunitarja hija kwistjoni għal kollox differenti mill-konformità tal-liġi ordinarja Maltija mal-Kostituzzjoni u mal-Konvenzjoni Ewropea, u huwa biss dan l-aħħar aspett li għandu jokkupa l-attenzjoni ta' din il-Qorti, li l-ġurisdizzjoni tagħha tinsab radikata unikament bis-saħħa tar-riferenza li saritilha. Jiżdied jingħad però li fl-evalwazzjoni tagħha dwar il-konsistenza tal-leġiżlazzjoni mpunjata mal-Kostituzzjoni u mal-Konvenzjoni Ewropea, din il-Qorti sejra – f'każ ta' dubju dwar l-interpretazzjoni tal-liġi domestika – tinterpretaha fid-dawl tal-liġi komunitarja diġà ċitata.*

*32. Ferm il-premess, il-Qorti sejra issa tqis il-kwistjoni riferuta lilha fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni nvokati fl-ordni ta' riferenza.*

---

[27] Ara, pereżempju, d-deċiżjoni ***Av. Marlon Borg noe vs. BP Group Limited*** (Appell Superjuri, 16/7/2024). F'dan is-sens ukoll inkiteb: «*For national courts, the primary focus of analysis here, respecting the principle of primacy means that, when a directly effective EU rule applies in a given case, any conflicting national norm should be set aside*» (***Craig & De Búrca***, The Evolution of EU Law, 3rd Edition, pġa.205). F'dan is-sens hija wkoll id-deċiżjoni ***C-573/17 Poplawski*** (Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, 24/6/2019).

[28] Ara, per eżempju, d-deċiżjoni ***eHealth Limited vs. Sergio Giglio et*** (Appell Superjuri, 19/7/2019).

*33. Minnufih il-Qorti jidhrilha li r-riferenza li saret għall-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni Ewropea fl-ordni ta' riferenza, liema dispożizzjoni titratta d-dritt għal libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon, ma jidhirx li hija rilevanti għall-fattispeċi tal-każ li għandha quddiemha, u aktarx ġie biss indikat b'lapsus calami. Għalhekk il-Qorti se tkun qed tiskarta kull riferenza għal dan l-Artikolu.*

*34. Sa fejn jirrigwarda l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, il-Qorti tosserva li l-protezzjoni mogħtija minn dan l-Artikolu tmur lil'hinn minn sitwazzjonijiet fejn isseħħ «deprivazzjoni totali» tal-proprjetà[29]. L-intimati però jeċċepixxu li l-fattispeċi tal-każ odjern jaqgħu taħt l-esklużjonijiet kontenuti fit-tieni subinċiż, u ċjoè:*

> *Ebda ħaġa f'dan l-Artikolu ma għandha tinftiehem li tolqot l-egħmil jew ħdim ta' xi liġi safejn tipprovdi għat-teħid ta' pussess jew akkwist ta' proprjetà –*
> *...*
> *(h) fl-esekuzzjoni ta' sentenzi jew ordnijiet ta' qrati;*
> *…*
> *(k) għal dak iż-żmien biss sakemm ikun meħtieġ għall-finijiet ta' xi eżami, investigazzjoni, kawża jew inkjesta jew, fil-każ ta' art, l-egħmil fuqha –*
> *(i) ta' xogħol ta' konservazzjoni ta' ħamrija jew il-konservazzjoni ta' risorsi naturali oħra ta' kull xorta jew ta' rikostruzzjoni ta' ħsara tal-gwerra; jew*
> *(ii) ta' żvilupp jew titjib agrikolu li s-sid jew okkupant tal-art ikun ġie mitlub, u jkun mingħajr skuża raġonevoli u legali rrofta jew naqas li jagħmel.*

*35. Il-Qorti jidhrilha li din l-eċċezzjoni tal-intimati hija fondata, u għalhekk l-eżami tagħha taħt l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni jieqaf hawn.*

*36. Inkomplu billi nqisu l-kwistjoni mill-aspett tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, li jgħid hekk:*

> *Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali.*
>
> *Iżda d-disposizzjonijiet ta' qabel ma għandhom b'ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjetà skont l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni.*

*37. M'hemmx dubju li l-ħruġ ta' ordni ta' ffriżar fuq l-attiv, ġenerali jew speċifiku, ta' persuni pendenti proċeduri penali jikkostitwixxi «interferenza» fit-termini tal-Konvenzjoni Ewropea. Bħala tali, biex dik*

[29] F'dan is-sens hija d-deċiżjoni ***George Tabone et vs. Avukat Ġenerali*** (Qorti Kostituzzjonali, 5/10/2018), kif ukoll il-ġurisprudenza ta' din il-Qorti, kif impoġġija (ara, per eżempju, ***Anthony Cassar et vs. L-Avukat tal-Istat***, Prim'Awla Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali, 30/5/2024).

*l-interferenza titqies ġustifikata huwa neċessarju li din issir fl-interess pubbliku jew ġenerali, u li tħares il-ħtieġa tal-proporzjonalità bejn dak l-interess ġenerali jew pubbliku u l-interess tal-individwu milqut.*

*38. Il-Qorti hija tal-fehma li, kif diġà ġie deċiż fir-rigward ta' ordnijiet simili għal dak meritu tal-kawża, u li saru abbażi ta' leġiżlazzjoni anterjuri, ordnijiet ta' din il-kwalità isegwu skop leġittimu fl-interess pubbliku u ġenerali, konsistenti mill-preservazzjoni ta' ġid li l-provenjenza tagħha tkun dubjuża, bħala preludju għall-miżura aktar qawwija ta' konfiska, li wkoll isservi l-iskop leġittimu li ċċaħħad lill-malviventi mill-qligħ u mir-rikavat tal-atti kriminali mwettqin minnhom. Bla dubju ta' xejn, il-ġlieda kontra l-kriminalità tinneċessita, kemm minħabba d-distorsjoni ekonomika li ġġib magħha u kemm għal skopijiet ta' deterrent, li min jikser il-liġi m'għandux jitħalla jgawdi l-frott tal-imġieba tiegħu.*

*39. Huwa wkoll neċessarju, madanakollu, li l-miżura meħuda mill-Istat fl-interess pubbliku u ġenerali għal skop leġittimu, u li tkun tikkostitwixxi «deprivazzjoni» kif fuq imfisser, tkun tosserva l-ħtieġa ta' proporzjonalità. Fir-rigward ta' miżura simili bħal dik ikkunsidrata fir-riferenza odjerna, intqal hekk mill-Qorti Kostituzzjonali:*

> *14. Il-qorti tosserva, qabel xejn, illi l-fatt illi l-ordni jolqot proprjetà li tiswa aktar mill-proprjetà misruqa li l-attur allegatament laqa' għandu ma jfissirx bilfors u awtomatikament illi l-ordni huwa sproporzjonat. Il-qligħ li jista' jagħmel min jikseb proprjetà bi ksur tal-liġi – fil-każ tallum min jilqa' għandu proprjetà misruqa – ma huwiex neċessarjament daqs id-differenza bejn kemm tiswa l-proprjetà u kemm swielu biex kisibha. Jista' jkun li dak il-qligħ ikun ħaddmu biex kiseb qligħ ieħor, li wkoll għalhekk ikun qligħ mhux mistħoqq u frott ta' ksur tal-liġi.*
>
> *15. Aktar minn hekk, iżda, il-Kap. 373 stess jaħseb għal sitwazzjonijiet bħal dawk imsemmija mill-atturi fl-ewwel aggravju tagħhom fejn il-persuna akkużata, soġġetta għall-ordni, tista' ġġarrab telf u danni għax, minħabba l-ordni, tonqos mill-tħallas kredituri bona fide. Biex l-akkużat ma jġarrbx tbatija żejda u li tista' tkun evitata f'ċirkostanzi bħal dawk, l-art. 5(1) tal-Kap. 373 jipprovdi mhux biss illi l-akkużat jista' jieħu, mill-beni sekwestrati, sa tlittax-il elf, disa' mija u sitta u sebgħin euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24) fis-sena – li l-attur Tabone ġà qiegħed jirċievi –, iżda wkoll illi:*
>
> *»… … … il-qorti tista' barra minn dan –*
> *»(a) tawtorizza l-ħlas ta' djun li jkollhom jitħallsu mill-akkużat lil kredituri bona fide u li jkunu saru qabel ma jkun sar dak l-ordni; u*
> *»(b) għal raġuni tajba tawtorizza lill-akkużat biex jittrasferixxi proprjetà mobbli jew immobbli.«*
>
> *16. Din id-disposizzjoni tal-liġi toħloq bilanċ bejn l-interess pubbliku li jinħolqu miżuri biex, min-naħa l-waħda, min ikun ħati ta' reat ma jiħux benefiċċju mill-att ta' delinkwenza, u biex, min-naħa l-oħra, il-persuna akkużata – sa issa meqjusa innoċenti – ma ġġarbx ħsara u tbatija*

*safejn dawn jistgħu jiġu evitati bla ma jiddgħajjef il-għan li l-liġi trid tilħaq bil-ħruġ ta' ordni ta' sekwestru.*[30]

*40. Aktar riċentement, l-istess Qorti kellha l-okkażjoni tagħmel dawn l-osservazzjonijiet fir-rigward ta' ordni ta' ffriżar li kien maħruġ taħt id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 101 tal-liġijiet ta' Malta fid-deċiżjoni tagħha* ***Sebastian Dalli vs. L-Avukat tal-Istat et*** *(30/11/2022):*

> *27. ...Agħar minn hekk, minħabba l-mod ta' kif ġiet promulgata l-liġi, hekk kif inħareġ dan l-Ordni l-appellat ma kellu l-ebda mod kif jikkontestah għaliex l-Istat naqas milli jpoġġi fisseħħ mezz ta' appell biex il-persuna konċernata tkun tista' titlob li l-Qorti tirrevedi n-neċċessitá li l-ordni jibqa fis-seħħ u anzi minflok illeġisla li l-Ordni jrid jibqa' fis-seħħ tassattivament sakemm jispiċċaw il-proċeduri fi grad ta' appell jekk ikun il-każ, irrispettivament minn kull fattur li jista' jimmilita kontra ż-żamma fis-seħħ ta' dan l-Ordni. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet* ***Džinić v. Croatia*** *(QEDB, 17/05/2016) fejn instabet leżjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea proprju għaliex:*
>
> *"…the impugned seizure of the applicant's real property in the context of the criminal proceedings at issue, although in principle legitimate and justified, was imposed and kept in force without an assessment of whether the value of the seized property corresponded to the possible confiscation claim. The Court therefore finds that the application of such a measure was not adequate to demonstrate that a requirement of "fair balance" inherent in the second paragraph of Article 1 of Protocol No. 1 was satisfied."*
>
> *...*
>
> *29. Għalkemm huwa minnu li din il-kawża mhijiex dwar id-dewmien ta' żmien, iż-żmien li damu għaddejjin il-proċeduri, u r-raġuni għalfejn damu tant għaddejjin hija xorta waħda fattur relevanti sabiex tiġi kkonsidrata l-proporzjonalità tal-ordni tal-iffriżar li min-natura tiegħu huwa intiż sabiex ikun miżura temporanja. Meta jkunu għaddew però tlettax-il sena minn meta nħareġ u l-kawża mhux biss tkun għadha għaddejja iżda tkun għadha fi stadju tal-provi tal-prosekuzzjoni bl-ebda ħjiel dwar meta ser tispiċċa wieħed jibda jiddubita kemm din il-miżura tista' tibqa' titqies bħala waħda sempliċiment temporanja. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fl-ismijiet* ***Yassin Abdullah Kadi v. European Commission*** *tal-2010 fejn ġie kkonsidrat hekk:*
>
> *"…given that now nearly 10 years have passed since the applicant's funds were originally frozen—it is not now time to call into question the finding ... according to which the freezing of funds is a temporary precautionary measure that, unlike confiscation, does not affect the very substance of the right of the persons concerned to property in their financial assets but only the use thereof. ... In the scale of a human life, 10 years in fact represent a substantial period of time and*

[30] ***George Tabone et vs. L-Avukat Ġenerali*** (5/10/2018). Fl-istess sens hija wkoll id-deċiżjoni ***Yorgen Fenech vs. Avukat tal-Istat*** (Qorti Kostituzzjonali, 26/2/2024).

*the question of the classification of the measures in question as preventative or punitive, protective or confiscatory, civil or criminal seems now to be an open one."*

*30. Agħar minn hekk, kif huwa ammess mill-appellanti stess, l-appellat ma kellu l-ebda mezz sabiex jikkontesta dan l-Ordni, u ġie mpoġġi f'pożizzjoni mill-Istat li jibqa' jissubixxi l-Ordni tal-Iffriżar maħruġ kontra tiegħu fl-2009 sakemm il-kawża tiġi deċiża b'mod finali, ikun meta jkun dan u rrispettivament minn kwalunkwe ċirkostanza li setgħet żviluppat fil-frattemp. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet* ***Shorazova v. Malta*** *(QEDB, 03/03/2022) fejn intqal hekk:*

*"…the importance of the procedural obligations under Article 1 of Protocol No. 1 must not be overlooked. Thus the Court has, on many occasions, noted that, although Article 1 of Protocol No. 1 contains no explicit procedural requirements, judicial proceedings concerning the right to the peaceful enjoyment of one's possessions must also afford the individual a reasonable opportunity of putting his or her case to the competent authorities for the purpose of effectively challenging the measures interfering with the rights guaranteed by this provision (see G.I.E.M. S.R.L. and Others, cited above, § 302 and the case-law cited therein). An interference with the rights provided for by Article 1 of Protocol No. 1 cannot therefore have any legitimacy in the absence of adversarial proceedings that comply with the principle of equality of arms, allowing discussion of aspects that are important for the outcome of the case.*
*[omissis]*
*According to the Court's case-law, the character of the interference, the aim pursued, the nature of property rights interfered with, and the behaviour of the applicant and the interfering State authorities are among the principal factors material to the assessment of whether the contested measure respects the requisite fair balance and, notably, whether it imposes a disproportionate burden on the applicants (see Karahasanoğlu, cited above, § 149). While the length of time during which the restrictions remained in place is a crucial part of the Court's assessment, the scope and nature of restrictions as well as the presence or absence of procedural guarantees are no less relevant (ibid., § 151). Indeed in previous cases where lengthy precautionary measures gave rise to a violation of Article 1 of Protocol No. 1, the finding of a violation was based on an accumulation of factors (see for example JGK Statyba Ltd and Guselnikovas v. Lithuania, no. 3330/12, §§ 130-33, 5 November 2013, and Džinić, cited above, §§ 70-82)."*

*31. Għalkemm l-appellanti jgħidu li din is-sentenza appena ċitata mhijiex applikabbli għall-fattispeċi ta' dan il-każ peress li kienet titratta ċirkostanzi partikolari, il-prinċipji ġenerali li jistgħu jinstiltu minn din is-sentenza, u li huma bbażati fuq il-ġurisprudenza preċedenti tal-Qorti, huma applikabbli independentement mill-fatti partikolari tal-każ. Minn din is-sentenza huwa ċar li għalkemm ordni ta' iffriżar huwa miżura leġittima u fl-interess ġenerali (kif huwa aċċettat anke mill-appellat stess) il-Qorti għandha teżamina kemm il-garanziji proċedurali li jeżistu fil-liġi u kif ukoll iċ-ċirkostanzi kollha, inkluż id-dewmien taż-żmien tal-kawża sabiex tiddetermina jekk id-*

> *drittijiet fundamentali tal-akkużat sanċiti permezz tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea humiex qed jiġu rispettati. Huwa ċar li dan mhuwiex il-każ hawnhekk għar-raġunijiet ġia spjegati, inkluż id-dewmien ta' żmien tal-proċeduri penali kontra l-appellant u n-nuqqas tal-leġislatur li jpoġġi fis-seħħ għodda legali li tagħti lil qrati ordinarji l-poter li jeżaminaw jekk l-ordni għadux ġustifikat skont iċ-ċirkostanzi tal-każ.*

*41. Din il-Qorti ċċitat estensivament mid-deċiżjoni* ***Dalli vs. L-Avukat tal-Istat et*** *billi f'din id-deċiżjoni jinsabu esposti l-prinċipji li għandhom ukoll jirregolaw il-konsiderazzjonijiet tagħha f'din ir-riferenza kostituzzjonali, dejjem naturalment kif ċirkoskritti bit-termini magħmula mill-Qorti Kriminali. Il-Qorti Kostituzzjonali bl-aktar mod ċar qieset illi, fl-eżami dwar jekk miżura bħal dik meritu ta' dawn il-proċeduri tosservax il-prinċipju tal-proporzjonalità, iridu jiġu meqjusa u evalwati l-għodda mogħtija mil-leġiżlatur lill-qrati ordinarji sabiex jeżaminaw jekk l-ordni jkunx wieħed ġustifikat, anki skont iċ-ċirkostanzi tal-każ kif jistgħu jirriżultaw minn żmien għal żmien.*

*42. Fil-fehma tal-Qorti, dan l-eżerċizzju għalhekk jintrabat mal-eżerċizzju l-ieħor dwar il-kwalità tal-għodda mogħtija sabiex dak l-eżami mill-qrati ordinarji jkun jista' jsir, anki mill-ottika tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Dan għaliex rimedju mogħti lill-persuna akkużata sabiex tikseb reviżjoni tal-miżura maħruġa fil-konfront tagħha li ma jissodisfax id-dettami kollha tal-jedd ta' smigħ xieraq skont l-imsemmija dispożizzjonijiet lanqas ma jista' jitqies bħala rimedju li joffri l-garanziji ta' proporzjonalità taħt l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll.*

*43. Eżaminati d-dispożizzjonijiet taħt l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u taħt l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, il-Qorti hija tal-fehma li l-proċeduri li minnhom saret riferenza ma jaqgħux taħt il-protezzjoni maħsuba għall-proċessi penali. Fil-fatt, l-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni jgħid li:*

> *Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi.*

*filwaqt li l-ewwel parti tal-ewwel subinċiż tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni tipprovdi hekk:*

> *Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu...*

*44. Huwa manifest li proċeduri taħt l-Artikolu 36(8)(ii) tal-Att ma jwasslux għal deċiżjoni dwar sejbien ta' ħtija fuq akkuża kriminali. Dawn huma proċeduri anċillari għall-proċeduri penali li però m'humiex deċiżivi għad-determinazzjoni tal-akkuża kriminali nnifisha, u għalhekk ma jaqgħux taħt il-partijiet ċitati tal-artikoli 39 u 6. F'dan is-sens ukoll hija l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (ara, per*

*eżempju, **Gutfreund vs. France**[31] u **Gast and Popp vs. Germany**[32]). Anki jekk dawn id-deċiżjonijiet kienu jirrigwardaw fattispeċi differenti, il-prinċipju stabbilit huwa ċar, u fil-fehma tal-Qorti jgħodd kemm jekk jitqies l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u kemm jekk jitqies l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.*

*45. Madanakollu dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet jittutelaw ukoll il-jedd ta' smigħ xieraq fi proċeduri li jinvolvu «deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili» (Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni) kif ukoll «deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu» (Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni). Fil-fehma ta' din il-Qorti, proċeduri li jinvolvu deċiżjoni dwar iż-żamma fis-seħħ jew l-estensjoni ta' ordni ta' qbid u ffriżar li jolqot b'mod inxindibbli l-użu u t-tgawdija tal-proprjetà tal-individwu milqut bl-istess ordni huma proċeduri li bla dubju jidħlu fit-tifsira ċitata (ara, per eżempju, d-deċiżjoni **Riela vs. Italy**[33], li għalkemm kienet tirrigwarda proċeduri ta' konfiska, u mhux ta' qbid jew iffriżar, tistabbilixxi prinċipji li huma wkoll applikabbli għall-każ odjern).*

*46. Stabbilita għalhekk l-applikazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, ikun utili li qabel xejn il-Qorti tevalwa d-dritt t'azzjoni li huwa mqiegħed in diskussjoni f'din ir-riferenza, anki fid-dawl tal-fatturi diġà rilevati aktar qabel f'din id-deċiżjoni.*

*47. Il-proċedura li għandha quddiemha l-Qorti riferenti nibtet minn deċiżjoni tal-Qorti Struttorja li tilqa' t-talba tal-prosekuzzjoni għall-ħruġ tal-Ordni kontra r-rikorrenti. Deċiżjoni li hija motivata, tant li r-rikorrenti ħejjew u preżentaw rikorsi b'aggravji dettaljati dwar in-nuqqas ta' qbil tagħhom ma' dik id-deċiżjoni. Il-liġi trid li din il-kontestazzjoni mill-persuna milquta bl-ordni ssir fi żmien sebat ijiem utili mid-deċiżjoni li tkun qed tiġi mpunjata.*

*48. Għalkemm huwa minnu li t-terminu ta' sebat ijiem tax-xogħol mhux terminu twil, lanqas ma jista' jitqies li huwa terminu qasir iżżejjed. «Time-limits imposed on the bringing of claims are acceptable in the interests of good administration of justice, pursuing the legitimate aims of preventing stale claims and injustice to defendants faced with evidential difficulties in contesting allegations relating to distant events and of promoting legal certainty»[34]. Ġie fil-fatt miżmum fil-każ **Pèrez de Rada Cavanilles vs. Spain**[35] kif ġej:*

> *44. Further, it is apparent from the Court's case-law that the "right to a court", of which the right of access is one aspect, is not absolute; it is subject to limitations permitted by implication, in particular where the conditions of admissibility of an appeal are concerned, since by its very nature it calls for regulation by the State, which enjoys a*

[31] 12/6/2003.
[32] 25/2/2000.
[33] QEDB, 4/9/2001.
[34] ***Karen Reid***, A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights, 4th Edition, pġa. 110. Ara wkoll ***Miragall Escolano and others vs. Spain*** (QEDB, 25/1/2000).
[35] QEDB, 28/10/1998.

> *certain margin of appreciation in this regard. However, these limitations must not restrict or reduce a person's access in such a way or to such an extent that the very essence of the right is impaired; lastly, such limitations will not be compatible with Article 6 § 1 if they do not pursue a legitimate aim or if there is not a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be achieved (see, among other authorities, the Brualla Gómez de la Torre and the Edificaciones March Gallego S.A. judgments cited above, p. 2955, § 33, and p. 290, § 34, respectively).*
>
> *45. The rules on time-limits for appeals are undoubtedly designed to ensure the proper administration of justice and compliance with, in particular, the principle of legal certainty. Those concerned must expect those rules to be applied. However, the rules in question, or the application of them, should not prevent litigants from making use of an available remedy.*

*49. Fejn, madanakollu, il-brevità tat-terminu jwassal biex jippreġudika l-effettività ta' rimedju mogħti lil xi persuna, jista' jkun hemm lok għall-vjolazzjoni tad-dritt ta' smigħ xieraq. Fil-każ* ***Hadjianastassiou vs. Greece*** *(QEDB, 16/12/1992) ġie deċiż li terminu ta' ħamest ijiem sabiex isir appell minn deċiżjoni li kopja tagħha ma kinitx mogħtija lill-applikant fiż-żmien utili kien jissarraf fi ksur tal-Artikolu 6.*

*50. Issa fil-każ odjern, il-Qorti ma jidhrilix li, bħala regola, it-terminu ta' sebat ijiem utili biex persuna tressaq il-kontestazzjoni tagħha dwar l-Ordni huwa qasir wisq, kemm-il darba dik il-persuna tingħata minnufih ir-raġunijiet għaliex dak l-Ordni jkun inħareġ. Fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti llum ma jirriżultax li r-rikorrenti ma ngħatawx ir-raġunijiet għad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti Struttorja – anzi, jirriżulta li dawn ir-raġunijiet ġew imniżżlin fil-verbal tal-udjenza stess u għalhekk kellhom ikunu minnufih disponibbli għalihom.*

*51. Wieħed irid iżomm f'moħħu li f'dan l-istadju tal-proċeduri penali, il-Qorti Struttorja, u bħalha l-Qorti Kriminali, m'humiex mistennija li jieħdu deċiżjonijiet li permezz tagħhom jiddeċiedu dwar ir-reità tar-rikorrenti u lanqas dwar liema mill-proprjetà tal-persuna akkużata għandha tkun konfiskata, liema deċiżjoni hija riservata għat-tmiem tal-proċeduri penali skont l-Artikolu 38 tal-Att. Skont l-Artikolu 36(1) tal-Att, l-uniku kriterju li għandu jiġi evalwat meta ssir talba għall-ħruġ ta' ordni ta' qbid u ffriżar huwa jekk hemmx «raġuni valida sabiex jitwemmen li l-proprjetà hija soġġetta għall-konfiska». Dan il-kriterju jmur id f'id mal-ħtieġa li l-miżura taħt eżami ma taffettwax aktar assi milli għandha għalfejn taffettwa, bil-għan li tkun miżura proporzjonata. Madanakollu l-evalwazzjoni li trid issir f'dan l-istadju m'hijiex, kif donnhom qed jippretendu r-rikorrenti, waħda li għandha teżamina in funditus jekk l-akkużat għandux rikavat kriminali fil-pussess tiegħu, u jekk għandu, kemm hu dan ir-rikavat. L-evalwazzjoni li trid issir hija sempliċiment sabiex jiġi stabbilit jekk hemmx «raġuni valida sabiex jitwemmen...», li jqiegħed fuq il-prosekuzzjoni li titlob il-ħruġ tal-Ordni oneru probatorju li huwa inqas minn dak tal-bilanċ tal-probabbiltà. Fid-deċiżjonijiet tagħha*

*dwar ir-rikorsi preżentati minn dawk l-akkużati li m'humiex fost ir-rikorrenti, l-Qorti Kriminali osservat li r-raġuni għaliex inħareġ l-Ordni hija marbuta max-xiljiet li saru fil-konfront tal-akkużati permezz taċ-ċitazzjoni li abbażi tagħha huma tressqu l-Qorti. Din il-Qorti tqis li huwa fid-diskrezzjoni tal-Qorti Kriminali (u qabilha tal-Qorti Struttorja) li teżamina jekk ir-raġuni valida meħtieġa fl-Artikolu 36(1) tal-Ordni teżistix jew le, u r-riferenza mibgħuta lilha ma tinkludix domanda dwar jekk dik l-interpretazzjoni hijiex konsistenti mal-Kostituzzjoni jew mal-Konvenzjoni Ewropea.*

*52. Ir-rikorrenti jilmentaw li t-terminu ta' sebat ijiem utili sabiex iressqu l-kontestazzjoni tagħhom huwa qasir wisq, speċjalment tenut kont tal-fatt li l-atti tal-inkjesta maġisterjali u l-proces-verbal eżebiti quddiem il-Qorti Struttorja huma voluminużi mmens. Però fil-każ konkret li għandha quddiemha l-Qorti Kriminali, il-kontestazzjoni ventilata mir-rikorrenti tirrigwarda essenzjalment id-deċiżjoni tal-Qorti Struttorja li tordna l-ħruġ tal-Ordni mingħajr ma tagħmel eżami ta' xi provi. Din il-konklużjoni tal-Qorti Struttorja temerġi ċara mir-raġunijiet mogħtija minnha fid-dikriet tagħha[36]. Dan huwa punt ta' dritt li t-trattazzjoni tiegħu ma jinvolvix eżami jew studju tal-kontenut tal-inkjesta maġisterjali, iżda determinazzjoni dwar jekk l-Ordni li jintalab skont l-Artikolu 36(1) tal-Att jinneċessitax il-produzzjoni jew l-apprezzament ta' xi provi sabiex ikun jista' jinħareġ. Anzi, dak il-meritu proprju jipprekludi l-ħtieġa li f'dan l-istadju ssir riferenza għall-atti tal-inkjesta, għaliex fid-deċiżjoni tagħha l-Qorti tal-Maġistrati qieset li hija ma kellhiex għalfejn tqis provi. Jekk il-Qorti Kriminali taqbel mar-rikorrenti li l-Qorti Struttorja kellha d-dmir li teżamina xi provi, ifisser li d-deċiżjoni dwar il-ħruġ tal-Ordni ttieħdet bi vjolazzjoni tal-Artikolu 36(1), u għalhekk għandha titħassar u tittieħed mill-ġdid mill-Qorti Struttorja skont dak li tipprovdi l-liġi. Jekk il-Qorti Kriminali ma taqbilx mar-rikorrenti, mela l-kontestazzjoni tagħhom sejra tinstab li hija nfondata u l-kwistjoni, almenu f'dan l-istadju, tieqaf hemm.*

*53. Fiċ-ċirkostanzi konkreti li għandha quddiemha l-Qorti Kriminali, din il-Qorti ma tistax tasal għall-konklużjoni li t-terminu ta' sebat ijiem utili sabiex ir-rikorrenti jressqu l-kontestazzjoni tagħhom huwa qasir wisq. Din il-Qorti tenfażizza li fil-konsiderazzjonijiet tagħha, hija m'għandhiex tqis sitwazzjonijiet ipotetiċi jew akkademiċi, imma għandha tillimita ruħha għall-fattispeċi partikolari li jkollha quddiemha. U l-konklużjoni tagħha hija li, sabiex ir-rikorrenti jikkontestaw id-deċiżjoni tagħhom fuq il-punt ta' dritt imsemmi fil-motivazzjoni tal-Qorti Struttorja, it-terminu ta' sebat ijiem utili ma jistax jitqies insuffiċċjenti.*

*54. Niġu issa biex inqisu ż-żmien li fih il-Qorti Kriminali hija marbuta biex tagħti d-deċiżjoni tagħha dwar il-kontestazzjoni mressqa mir-rikorrenti skont l-Artikolu 36(8)(ii) tal-Att. Dan it-terminu huwa «...sebat (7) ijiem tax-xogħol minn meta jiġu ppreżentati r-risposti jew minn meta jkun skada t-terminu għall-preżentata tagħhom».*

[36] Ara fol.295, partikolarment.

*55. Dan m'huwiex l-uniku każ taħt il-liġi ta' proċedura kriminali jew ċivili li tirregola xogħol il-Qrati Maltin li l-leġiżlatur għoġbu jorbot b'termini inflessibbli lill-Qrati u ż-żmien meta huma għandhom jagħtu d-deċiżjonijiet tagħhom fi kwistjonijiet speċifikati u determinati. Ħtieġa din li hija aktarx ġustifikabbli mill-fatt li ċertu kwistjonijiet għandhom jiġu deċiżi b'ħeffa billi jkun hemm interessi individwali jew inkella nazzjonali li jridu jiġu tutelati b'mod aktar ċeleri. Din il-Qorti għandha toqgħod lura, f'eżerċizzju bħal dan, milli tgħid skontha kemm għandu jkun iż-żmien applikabbli sabiex jittieħdu ċerti deċiżjonijiet. Din hija prerogattiva tal-leġiżlatur. Kif diġà ntqal, l-uniku kompitu tagħha fil-każ odjern huwa li tqis jekk it-terminu in kwistjoni jġibx fix-xejn l-effettività tar-rimedju mogħti lir-rikorrenti mil-liġi ordinarja fil-fattispeċi tal-każ odjern.*

*56. L-ewwel osservazzjoni li ta' bil-fors għandha tagħmel din il-Qorti hija li l-Qorti Kriminali rnexxielha, b'mod effiċċjenti u spedit, tiddisponi mir-rikorsi proposti minn dawk l-akkużati li m'humiex fost ir-rikorrenti u l-imsejħin fil-kawża fit-terminu mpost mil-liġi. Mad-daqqa t'għajn għalhekk jidher li l-impożizzjoni ta' dan it-terminu mhux ta' xkiel sabiex il-proċedura maħsuba taħt l-Artikolu 36(8)(ii) tal-Att tinstema' b'mod effettiv.*

*57. Il-kwistjoni li jidher li qamet waqt is-smigħ tar-rikorsi preżentati mir-rikorrenti jidher li hija però li dak it-terminu ma jippermettix li l-Qorti Kriminali tagħti lir-rikorrenti l-opportunità li jipproduċu provi quddiemha – eżerċizzju li jinneċessita mill-anqas udjenza waħda kif ukoll it-taħrik ta' xhieda li jistgħu u ma jistgħux jiġu notifikati fiż-żmien tant qasir.*

*58. Il-Qorti diġà osservat li l-kwistjoni prinċipali li kellha quddiemha l-Qorti Kriminali fir-rikorsi tal-akkużati kollha, kompriżi r-rikorrenti u l-imsejħin fil-kawża, kienet jekk il-Qorti Struttorja ddeċiditx tajjeb meta qieset li l-akkoljiment ta' talba għall-ħruġ ta' ordni ta' qbid u ffriżar ma kellux isir abbażi tal-apprezzament jew smigħ ta' provi. Mela qabel ma wieħed jgħaddi biex iqis jekk it-termini mposti fl-Artikolu 36(8)(ii) tal-Att humiex qosra wisq għaliex ma jippermettux il-produzzjoni ta' provi,* ***wieħed irid qabel xejn jiddeċiedi jekk kellhomx jinstemgħu u jiġi evalwati provi quddiem il-Qorti Struttorja qabel din tiddeċiedi dwar it-talba għall-ħruġ tal-Ordni****. Deċiżjoni din li però għandha tittieħed mill-Qorti Kriminali, u mhux minn din il-Qorti.*

*59. Fl-apprezzament tagħha, din il-Qorti ikkunsidrat ukoll dan li ġej:*

*i. għalkemm fid-deċiżjonijiet li l-Qorti Kriminali ppronunzjat dwar ir-rikorsi mressqin minn dawk l-akkużati li m'humiex fost ir-rikorrenti jew l-imsejħin fil-kawża, ġie osservat li ma jidhirx li, skont l-Artikolu 36(1) tal-Att, id-deċiżjoni tal-Qorti Struttorja dwar il-ħruġ tal-ordni ta' qbid u ffriżar hija fakoltattiva*[37]*, ma jidhirx li din l-interpretazzjoni hija għal kollox paċifika. Wara kollox, l-Artikolu 36(8)(i) tal-Att espressament jikkontempla l-*

[37] Il-Qorti Kriminali, korrettement, tirrileva li l-liġi tgħid li «…*il-Qorti għandha, fuq talba tal-prosekuzzjoni, tagħmel Ordni...*».

*ipoteżi li l-Avukat Ġenerali jikkontesta deċiżjoni tal-Qorti Struttorja li tiċħad talba għall-ħruġ ta' ordni bħal dak. Dispożizzjoni din li kienet tkun superfluwa kieku l-Qorti Struttorja kellha titqies nieqsa minn kull xorta ta' diskrezzjoni fid-determinazzjoni ta' talba taħt l-Artikolu 36(1);*

*ii. ma jidhirx li l-Qorti Struttorja hija marbuta bi żmien sabiex tagħti deċiżjoni dwar talba tal-prosekuzzjoni biex toħroġ ordni ta' qbid u iffriżar, u għalhekk xejn ma jipprekludi lil dik il-Qorti milli tisma' provi jekk jidhrilha li dan huwa neċessarju sabiex jiġi sodisfatt it-test impost fl-Artikolu 36(1). Sadanittant, il-liġi tagħti lill-prosekuzzjoni għodda oħrajn sabiex jiġi preservat il-ġid dubjuż tas-suspettat*[38]*;*

*iii. il-proċedura maħsuba taħt l-Artikolu 36(8)(ii) tal-Att hija waħda ta' reviżjoni tad-deċiżjoni tal-Qorti Struttorja. Ir-regola ġenerali dwar proċeduri ta' reviżjoni hija li dak l-eżerċizzju jsir skont ir-riżultanzi li jkunu mpoġġija quddiem il-Qorti tal-ewwel grad, li f'dan il-każ hija l-Qorti Struttorja. Dan naturalment jista' jinvolvi l-apprezzament ta' provi li jkunu nstemgħu mill-Qorti tal-ewwel grad (kemm-il darba jiġi deċiż li s-smigħ ta' xi provi huwa neċessarju sabiex jinħareġ l-Ordni), iżda biss eċċezzjonalment għandu jinvolvi s-smigħ ta' provi "ġodda" quddiem il-Qorti reviżorja.*

*60. Għalhekk fil-każ konkret tar-rikorrenti, ma jidhirx li t-termini qosra mposti mil-leġiżlatur qiegħdin inaqqsu mill-effettività tar-rimedju tagħhom taħt l-Artikolu 36(8)(ii) tal-Att, la darba (i) dik il-proċedura hija waħda ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti Struttorja, liema reviżjoni wieħed jifhem li għandha ssir abbażi tar-riżultanzi li kellha quddiemha dik il-Qorti, u (ii) fil-każ partikolari li ġie riferut lil din il-Qorti, l-kwistjoni kollha hija konsistenti minn punt ta' dritt, u ċjoè jekk il-ħruġ tal-Ordni jinneċessitax is-smigħ ta' provi mill-Qorti Struttorja.*

*61. Fi kliem ieħor, il-kompitu tal-Qorti Kriminali f'azzjoni taħt l-Artikolu 36(8)(ii) tal-Att huwa li tirrevedi d-deċiżjoni tal-Qorti Struttorja, b'mod li jekk issib li dik il-Qorti ma mxietx skont il-liġi għaliex, per eżempju, ddeċidiet dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni mingħajr riferenza għal xi provi, mela allura hija għandha tirrevoka d-deċiżjoni għaliex ma ttiħditx skont il-liġi, u tibgħat l-atti lura lill-Qorti Struttorja sabiex din tiddeċiedi mill-ġdid konformement mal-liġi, u mhux tgħaddi biex tisma' dawn il-provi hi. Jekk, min-naħa l-oħra, l-Qorti Kriminali se taqbel mal-Qorti Struttorja li l-akkoljiment tal-Ordni seta' u kellu jsir mingħajr il-ħtieġa ta' smigħ tal-provi, mela jkun inutili li r-rikorrenti jressqu l-provi quddiem il-Qorti Kriminali. Naturalment id-deċiżjoni dwar jekk il-Qorti Struttorja mxietx skont il-liġi hija waħda li tidħol interament fid-diskrezzjoni tal-Qorti Kriminali, u li fiha m'għandhiex tindaħal din il-Qorti.*

---

[38] Ara, pereżempju, l-Artikolu 35 tal-Att.

*62. Ilment ieħor li ġie sollevat mir-rikorrenti u riferut lil din il-Qorti huwa li, kuntrarjament għas-sitwazzjoni tar-rikorrenti, fejn il-kontestazzjoni tad-deċiżjoni tal-Qorti Struttorja ssir mill-Avukat Ġenerali, m'hemm ebda terminu li jorbot idejn il-Qorti dwar meta għandha tiddeċiedi dik il-kontestazzjoni. Anzi, f'dak il-każ il-liġi tipprevedi l-ħruġ ta' Ordni «temporanju» bl-istess effetti bħall-ordni proprju, li jibqa' fis-seħħ sakemm tiġi deċiża l-kontestazzjoni tal-Avukat Ġenerali. Ir-rikorrenti jgħidu li din id-differenza tivvjola l-prinċipju tal-parità tal-armi.*

*63. Ġie suċċintament spjegat li: «Equality of arms, as in the sense of "fair balance", is one of the long-established elements of fairness. It is sometimes linked to considerations that proceedings must be adversarial. It implies that each party must be afforded a reasonable opportunity to present his case – including his evidence – under conditions which do not place him at a substantial disadvantage vis-à-vis his opponent»[39]. Il-Qorti tinnota li d-differenza bejn l-azzjoni maħsuba fl-Artikolu 36(8)(i) u dik maħsuba fl-Artikolu 36(8)(ii) hija unikament fiż-żmien li fih il-Qorti għandha tiddeċiedi l-każ. Mill-bqija, ż-żminijiet maħsuba sabiex issir il-kontestazzjoni u sabiex din tiġi mwieġba huma identiċi.*

*64. Il-Qorti ma jidhrilix li din id-differenza hija tali li twassal għall-vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni jew tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Huwa mħolli f'idejn il-Qorti Kriminali ż-żmien li għandha tieħu biex tiddeċiedi l-kontestazzjoni tal-Avukat Ġenerali taħt l-Artikolu 36(8)(i) – dan waħdu ma jfissirx li l-Avukat Ġenerali għandu opportunità aqwa mill-akkużat biex iressaq il-kontestazzjoni tiegħu. Din il-Qorti diġà esprimiet il-fehma tagħha dwar il-mod kif jidher li għandhom jiżvolġu s-smigħ tal-proċeduri dwar il-ħruġ ta' ordni ta' qbid u ffriżar, u dak osservat fir-rigward tal-karattru reviżorju ta' dik il-parti tal-proċess quddiem il-Qorti Kriminali japplika ugwalment fejn ir-reviżjoni tintalab mill-Avukat Ġenerali. Dan ifisser li l-fatt li l-Qorti Kriminali m'għandhiex terminu biex tiddeċiedi l-kontestazzjoni li tista' ssir mill-Avukat Ġenerali ma jwassalx għall-konklużjoni li d-dritt ta' kontestazzjoni tal-Avukat Ġenerali huwa aktar ampju minn dak tal-akkużat. Anzi, r-rispett lejn il-prinċipju tal-parità tal-armi (li m'huwiex eskluż fl-Artikolu 36(8) tal-Att) jiddetta li ż-żewġ azzjonijiet u l-parametri tagħhom jitqiesu b'mod ekwivalenti.*

*65. Dan però ma jfissirx li n-nuqqas ta' terminu sabiex tiġi deċiża l-kontestazzjoni tal-Avukat Ġenerali ma jistax iwassal għall-vjolazzjonijiet oħrajn, fiċ-ċirkostanzi kongruwi. Hekk per eżempju, jista' jseħħ jekk dik il-kontestazzjoni tibqa' mhux deċiża għal żmien eċċessiv filwaqt li l-akkużat jibqa' soġġettat għal ordni ta' qbid «temporanju». Dak però m'huwiex il-każ li għandha quddiemha l-Qorti.*

*66. Għalhekk il-Qorti qiegħda tikkonkludi li t-terminu ta' sebat ijiem tax-xogħol sabiex il-Qorti Kriminali tiddeċiedi l-kontestazzjoni tal-*

[39] ***Karen Reid***, A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights, 4th Edition, pġa. 143.

*akkużat ai termini tal-Artikolu 36(8)(ii) tal-Att m'huwiex tant qasir li fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ tar-rikorrenti jwassal għal vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tagħhom għal smigħ xieraq.*

*67. Fir-riferenza li saret lil din il-Qorti, jintqal ukoll li l-ilment tar-rikorrenti għandu jiġi kkunsidrat ukoll fid-dawl tal-fatt li l-akkużati «...m'humiex mogħtija jedd ta' kontestazzjoni jew reviżjoni tal-Ordni ta' Qbid u Iffriżar matul il-pendenzi tal-proċeduri kriminali pendenti fil-konfront tagħhom...».*

*68. Huwa minnu li skont l-Artikolu 36(3)(b) tal-Att, l-uniku dritt t'azzjoni tal-akkużat sabiex jikkontesta l-Ordni huwa espressament limitat għall-azzjoni taħt l-Artikolu 36(8)(ii). Dan għalhekk ifisser li, kemm-il darba jiġi deċiż mill-Qorti Struttorja, u anki mill-Qorti Kriminali, li hemm «raġuni valida sabiex jitwemmen li l-proprjetà hija soġġetta għall-konfiska», l-akkużat ma jkollu ebda jedd li jressaq kontestazzjoni oħra fil-konfront ta' dak il-kriterju.*

*69. Dan però ma jfissirx li r-rimedju mogħti taħt l-Artikolu 36(8)(ii) tal-Att huwa rimedju ineffettiv. Fil-każ odjern, il-proċeduri penali kontra r-rikorrenti huma fi stadju bikri, għalkemm jidher li mexjin b'ħeffa, u għalhekk ikun għal kollox prematur li din il-Qorti tikkonsidra xenarju fejn ir-rikorrenti jkunu jridu jikkontestaw l-Ordni aktar 'il quddiem, kemm-il darba dak l-Ordni jiġi kkonfermat mill-Qorti Kriminali. Dan l-aspett tal-vertenza huwa, sa ċertu punt, bażat fuq l-ipotetiku u l-Qorti ma tistax tagħmel determinazzjoni mingħajr ma jkollha quddiemha ċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, kemm-il darba dawn jirriżultaw eventwalment.*

*70. F'kull każ il-Qorti tirrileva li l-Artikolu 36(5) tal-Att fih dawn id-dispożizzjonijiet:*

> *(a) Il-Qorti tista' tvarja Ordni ta' Qbid u Ffriżar permezz ta' rikors mill-persuna imputata jew akkużata. L-imsemmi rikors għandu jkun notifikat lill-prosekuzzjoni u lid-Direttur. Fuq dak ir-rikors, il-Qorti għandha tiddetermina xi flus jistgħu jitħallsu jew jiġu riċevuti mill-persuna imputata jew akkużata matul il-validità ta' dak l-Ordni, sabiex tippermetti lilu u lill-familja tiegħu għajxien deċenti f'ammont annwali li ma jkunx aktar mill-ammont stabbilit mill-Ministru b'ordni fil-Gazzetta u kull ammont ieħor illi l-Qorti tikkunsidra li jkun ġustifikat sabiex jitħallsu l-ispejjeż neċessarji.*
>
> *(b) Fuq rikors tal-qorti tal-persuna imputata jew akkużata notifikat lill-prosekuzzjoni u lid-Direttur, il-Qorti għandha wkoll, soġġett għal dawk il-kondizzjonijiet li hija jidhrilha li jkunu xierqa:*
>
> > *(i) tiddetermina xi flus jistgħu jitħallsu jew jiġu riċevuti mill-persuna imputata jew akkużata matul iż-żmien*

*ta' validità ta' Ordni ta' Qbid u Ffriżar sabiex tippermettilha twettaq kwalunkwe kummerċ, negozju, professjoni jew xogħol;*

*(ii) tawtorizza l-ħlas ta' djun li jkollhom jitħallsu mill-persuna imputata jew akkużata lil kredituri bona fide u li jkunu saru qabel ma jkun sar l-Ordni ta' Qbid u Ffriżar;*

*(iii) għal raġuni tajba, tawtorizza lill-persuna imputata jew akkużata biex tittrasferixxi proprjetà mobbli jew immobbli.*

*(ċ) F'każ li matul il-proċeduri ssir talba għall-varjazzjoni tal-Ordni skont il-paragrafi (a) jew (b) dwar spejjeż li jkunu rikorrenti, l-Ordni li jippermetti l-ħlas ta' tali spejjeż rikorrenti għandu jitqies li jkun ikopri dawk l-ispejjeż kull meta jinqalgħu mingħajr il-ħtieġa li jiġi ppreżentat rikors kull darba li jinqalgħu dawk l-ispejjeż.*

*71. Talba taħt l-Artikolu 36(5) tal-Att mill-persuna akkużata tista' ssir fi kwalunkwe stadju tal-proċeduri penali. Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-fakultà mogħtija lill-Qorti Struttorja taħt dawn id-dispożizzjonijiet jagħtu lill-persuna akkużata l-jedd li tikseb varjazzjoni fl-effetti tal-ordni ta' qbid u iffriżar. Huwa minnu li dan ir-rimedju ma jidhirx li jagħti jedd lill-akkużat sabiex jikkontesta l-bażi legali tal-Ordni, però huwa rimedju li jwassal għal varjazzjoni fl-estensjoni u fl-effetti tiegħu. Wieħed ikun irid jara 'l quddiem, fil-każ konkret u mhux fl-ipotetiku, jekk dan ir-rimedju fiċ-ċirkostanzi eventwali li jistgħu iseħħu jew ma jseħħux, huwiex rimedju effettiv għall-persuna akkużata.*

*72. Għalhekk il-Qorti mhux issib li hemm vjolazzjoni tad-drittijiet tar-rikorrenti taħt l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u taħt l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.*

*73. Niġu lura però għall-kwistjoni ta' proporzjonalità fil-kuntest tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, liema kwistjoni tħalliet riservata sakemm il-Qorti kkunsidrat jekk ir-rimedji taħt l-Artikolu 36 tal-Att humiex effettivi jew inkella jiksrux id-dritt ta' smigħ xieraq tar-rikorrenti.*

*74. Stabbilit li dak ir-rimedju m'huwiex wieħed ineffettiv fiċ-ċirkostanzi partikolari tar-rikorrenti, l-Qorti sejra tasal ukoll għall-konklużjoni li l-miżura ta' «deprivazzjoni» parzjali meħuda kontra r-rikorrenti tosserva wkoll il-ħtiġiet tal-proporzjonalità mposti mill-Konvenzjoni Ewropea. L-akkużat mhux biss għandu l-jedd li jressaq kontestazzjoni kontra l-ħruġ tal-Ordni, imma għandu wkoll il-jedd li jitlob varjazzjoni tal-Ordni fit-termini tal-Artikolu 36(5) tal-Att fi kwalunkwe żmien.*

> *75. Dawn huma rimedji li, anki fit-termini tal-ġurisprudenza diġà ċitata tal-Qorti Kostituzzjonali, jintroduċu l-element ta' proporzjonalità neċessarju, bil-konsegwenza li ma tirriżulta ebda vjolazzjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea."*

**L-Appell u t-Tweġiba tal-Appell**

8. Fis-6 ta' Awwissu 2024, ir-rikorrenti u l-kjamati in kawża, ossija Keith Schembri, Kasco Engineering Company Limited, FSV Limited, Konrad Mizzi, Karl Cini, Nexia BT Limited, Brian Tonna, David Joseph Meli, Mario Victor Gatt, MTrace plc, Clarence John Conger Thompson, Joseph Muscat u Adrian Hillman, appellaw mis-sentenza surriferita.

9. In suċċint, l-aggravji tagħhom huma:

i. Li l-Ewwel Qorti ma missiex laqgħat parzjalment l-eċċezzjoni preliminari tal-Avukat tal-Istat u l-Avukat Ġenerali; u

ii. Li fil-mertu, l-Ewwel Qorti kellha ssib ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom għaliex ir-rimedju li joffri l-Artikolu 36(8)(ii) tal-Kap. 621 huwa ineffettiv.

10. Talbu għalhekk lil din il-Qorti:

> *"tħassar l-istess sentenza appellata fl-ismijiet premessi u tordna li l-atti jiġu rimessi lura quddiem l-Ewwel Qorti sabiex twieġeb għal din ir-*

> *riferenza hekk kif spjegat fl-ewwel aggravju tal-esponenti; jew subordinatament twieġeb għar-referenza hi stess billi tiddikjara li għall-mistoqsijiet li sarulha mill-Qorti Kriminali fuq talba tal-appellanti hemm ksur tal-jeddijiet fundamentali msemmija fir-riferenza u tagħaddi biex tagħti dawk l-ordnijiet u rimedji meħtieġa biex jiġu salvagwardjati d-drittijiet tal-appellanti."*

11. Permezz ta' risposta ppreżentata fl-20 t'Awwissu 2024 l-appellati sostanzjalment wieġbu[40] li s-sentenza appellata hija waħda ġusta u timmerita konferma, u għalhekk l-appell għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra l-appellanti.

**<u>Fil-Mori tal-Appell</u>**

12. B'digriet mogħti fit-22 ta' Awwissu 2024 il-Qorti appuntat l-appell għas-smigħ għas-seduta tat-3 ta' Settembru 2024[41].

<u>Talba għad-Taħrik ta' Xhud</u>

13. Fit-30 ta' Awwissu 2024[42] l-appellanti ppreżentaw taħrika sabiex il-Qorti tordna lir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali jippreżenta, wara li jottjeni l-awtorizzazzjoni neċessarja, kopja vera tal-inkartament kollu tar-rikorsi li għamel l-Avukat Ġenerali skont l-Artikolu 36(8)(i) tal-Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta fil-proċeduri fl-ismijiet **<u>Republic of Malta vs Shaukat Ali</u>**

[40] Fol. 857
[41] Fol. 876
[42] Fol. 877 et seq.

**Chaudry et** (398/2024 EG) u **Republic of Malta vs Aasia Parveen Shaukat;**

14. B'digriet mogħti fit-2 ta' Settembru 2024[43], il-Qorti ċaħdet it-talba surriferita billi:

i. L-eżitu tal-appell ma jiddependix minn dak li seta' sar f'proċeduri kriminali li fihom l-appellanti mhumiex parti. Il-kwistjoni titratta dwar dak li tipprovdi jew ma tipprovdix il-liġi (Kap. 621) u l-jeddijiet fundamentali li jissemmew fl-ordni ta' referenza tal-Qorti Kriminali (digriet tas-26 ta' Ġunju 2024).

ii. F'kull każ proċeduralment l-appellanti kellhom isegwu dak li jipprovdi l-Art. 518 tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9).

15. Fl-udjenza tat-3 ta' Settembru 2024[44] id-difensuri vverbalizzaw l-intenzjoni li jitolbu r-rikuża tal-Qorti kif komposta.

Talba għar-Rikuża tal-Ġudikanti Sedenti

[43] Fol. 893
[44] Fol. 895 *et seq*.

16. B'rikors ippreżentat fid-9 ta' Settembru 2024[45] l-appellanti talbu mbagħad lil din il-Qorti kif komposta tirrikuża ruħha minn dawn il-proċeduri minħabba dak deċiż minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha tat-23 ta' Ottubru 2023 fil-proċeduri fl-ismijiet **Onor. Kap tal-Oppożizzjoni Avukat Adrian Delia vs Onor. Prim; Ministru ta' Malta Joseph Muscat et**.

17. Permezz ta' risposta ppreżentata fit-12 ta' Settembru 2024[46] l-Avukat Ġenerali u Avukat tal-Istat wieġbu illi t-talba għar-rikuża tal-ġudikanti li qed jippresjedu l-każ għandha tiġi miċħuda.

18. Fl-udjenza tat-23 ta' Settembru 2024[47] il-Qorti tat digriet[48] li bih ċaħdet it-talba għar-rikuża billi ma kienx hemm raġunijiet leġittimi li setgħu jwasslu għall-ġustifikazzjoni oġġettiva li l-Imħallfin sedenti mhumiex imparzjali fil-kwistjoni meritu tal-appell u ddifferit il-każ għat-trattazzjoni għat-30 ta' Settembru 2024.

19. Fl-udjenza tat-30 ta' Settembru 2024[49] id-difensuri trattaw l-appell li ġie differit għas-sentenza għal-lum, 18 ta' Novembru 2024.

**Fatti.**

[45] Fol. 897 *et seq.*
[46] Fol. 904
[47] Fol. 912
[48] Fol. 913 *et seq.*
[49] Fol. 916

20. Għall-aħjar intendiment ta' dak li se jingħad aktar 'il quddiem, il-Qorti sejra tibda billi tagħti rendikont tal-fatti rilevanti fil-kuntest tal-qafas regolatorju applikabbli:

21. L-Artikolu 36(1) tal-Kap. 621 jipprovdi li meta persuna tkun akkużata b'reat relevanti, jiġifieri kull reat taħt kwalunkwe liġi li ma jkunx reat ta' natura involontarja u, ħlief meta l-Att jipprovdi mod ieħor, ikun soġġett għall-piena ta' ħabs jew detenzjoni għal żmien massimu ta' mill-inqas sena (1), il-Qorti għandha, fuq talba tal-prosekuzzjoni, tagħmel Ordni msejjaħ "Ordni ta' Qbid u Ffriżar" li bih tiġi sekwestrata kwalunkwe proprjetà li tkun f'idejn partijiet terzi li dwarha jkun hemm raġuni valida sabiex jitwemmen li l-proprjetà hija soġġetta għall-konfiska, u żżomm u tipprojbixxi lill-akkużat milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka, jew b'xi mod ieħor ibiddel jew jiddisponi minn dik il-proprjetà u minn proprjetà oħra tiegħu jew li tkun fil-pussess tiegħu.

22. Ordni li f'dan il-każ ħareġ fil-konfront tar-rikorrenti fit-28 ta' Mejju 2024[50] meta, flimkien ma' oħrajn, huma tressqu b'ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja mixlija b'diversi reati, fosthom bid-delitt ta' ħasil tal-flus.

[50] Fol. 291 *et seq*.

23. Dan fuq talba tal-prosekuzzjoni li fiċ-ċitazzjoni minnha ppreżentata kontra r-rikorrenti u l-kjamati in kawża fis-6 ta' Mejju 2024[51], *inter alia* talbet lill-Qorti toħroġ Ordni ta' Qbid u Ffriżar fl-ammonti segwenti:

> *"– Joseph Muscat, l-ammont ta' teltin miljun Ewro (€30,000,000);*
> *Konrad Mizzi, l-ammont ta' teltin miljun Ewro (€30,000,000);*
> *Keith Schembri, l-ammont ta' teltin miljun Ewro (€30,000,000);*
> *...*
> *...*
> *Adrian Hillman, l-ammont ta' teltin miljun Ewro (€30,000,000);*
> *...*
> *David Joseph Meli, l-ammont ta' tnejn u teltin miljun Ewro (€32,000,000);*
> *Brian Tonna, l-ammont ta' għoxrin miljun Ewro (€20,000,000);*
> *Karl Cini, l-ammont ta' għoxrin miljun Ewro (€20,000,000);*
> *...*
> *Mario Victor Gatt, l-ammont ta' seba' miljun Ewro (€7,000,000);*
> *...*
> *Clarence John Conger Thompson, l-ammont ta' miljun Ewro (€1,000,000);*
> *...*
> *...*
> *...*
> *MTrace p.l.c. l-ammont ta' tnax-il miljun Ewro (€12,000,000);*
> *Nexia BT Limited, l-ammont ta' għoxrin miljun Ewro (€20,000,000);*
> *...*
> *KASCO Engineering Company Limited, l-ammont ta' għoxrin miljun Ewro (€20,000,000);*
> *FSV Limited, l-ammont ta' għoxrin miljun Ewro (€20,000,000);*
> *..."*[52]

24. Fi kliem ieħor allura, il-Prosekuzzjoni pprevalixxiet ruħha mis-subatikolu 3(a) tal-Artikolu 36 tal-Kap. 621 li jtiha l-fakoltà titlob il-ħruġ tal-Ordni fid-dokument li permezz tiegħu jsiru l-akkużi. Hemm speċifikat is-somma preċiża li kellha tkun soġġetta għall-Ordni b'dan illi, skont is-subatikolu (4)(a) tal-Artikolu 36, il-Ordni kellu jkun limitat għal dawk il-flejjes speċifiċi.

[51] Fol. 298 *et seq*.
[52] Fol. 308, 309

25. Kif diġà ngħad, l-imputati tressqu fit-28 ta’ Mejju 2024, u f’dik l-udjenza talbu lill-Qorti Struttorja tordna lill-prosekutur mill-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali sabiex ifisser kif talab il-ħruġ tal-Ordni fl-ammonti indikati u sabiex jippreċiża *‘liema huma d-dokumenti u provi speċifiċi li minnhom jirriżulta li hemm raġuni valida biex dan l-ammont jiġi kkonfiskat’*[53].

26. Il-prosekuzzjoni ddikjarat imbagħad li, fir-rigward, bi ħsiebha tressaq l-atti tal-process verbal u l-atti tal-Inkjesta Maġisterjali, liema provi ġew preżentati dak il-ħin stess mir-Reġistratur tal-Qorti u kienu jikkonsistu f’78 kaxxa u numru ta’ *devices*.

27. Sussegwentement, uħud mill-avukati difensuri tal-imputati talbu li qabel il-Qorti tipprovdi dwar it-talba għall-ħruġ ta’ Ordni ta’ Qbid u Ffriżar jitressqu bħala xhieda tad-difiża l-Ispettur Wayne R Borg u s-Supretendent Hubert Cini[54]. Talbu wkoll li l-prosekuzzjoni tindika l-paġni speċifiċi fejn jinsab imsemmi l-allegat ammont ta’ rikavat li dwaru ntalab il-ħruġ tal-Ordni[55].

28. Talbiet li ġew miċħuda għaliex il-Qorti Stuttorja kienet tal-fehma li:

[53] Fol. 293 *et seq*.
[54] Fol. 294
[55] Fol. 294 *overleaf*

> *"b' mod ewlieni, il-Qorti m'għandhiex tibbaża ruħha fuq l-eżistenza ta' xi prova o meno dwar ir-rikavat ta' reat, biex tiddeċiedi dwar talba għall-ħruġ ta' Ordni ta' Qbid u Ffriżar ...*
>
> *Il-Qorti diġa ddeċidiet li d-deċiżjoni għall-ħruġ ta' Ordni ta' Qbid u Iffriżar ma tistax tittieħed abbażi tal-għarbil ta' xi provi biex jiġi determinat l-ammont li għandu jiġi stabbilit bħala rappreżentanti r-rikavat mill-kriminalità u dan abbażi ta' ebda grad ta' prova partikolari. Inoltre, il-Qorti għal ebda raġuni ma tista tiddeċiedi dwar l-ammissibilità o meno tal-provi f' dan l-istadju tal-kompilazzjoni stante li din il-mansjoni tispetta lill-Qorti Kriminali jew lil din il-Qorti meta tkun mogħnija bis-setgħa li tiddeċiedi dwar ħtija o meno, setgħa li llum m' għandiex"*[56]

29. Fil-verbal tal-istess udjenza l-Qorti Stuttorja pproċediet imbgħad billi laqgħat it-talba tal-prosekuzzjoni u ordnat il-ħruġ tal-Ordni ta' Qbid u Ffriżar ai termini tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, l-Artikolu 5 tal-Att kontra l-Money Laundering (Kap. 373), u l-Arikolu 36(1) tal-Kap. 621 fil-konfront ta' kull wieħed u waħda mill-persuni mputati u konsegwentement issekwestrat kwalunkwé proprjetà tal-persuna mputata f'idejn partijiet terzi fl-ammonti mitluba mill-prosekuzzjoni. Ukoll, il-Qorti żammet u pprojbiet lill-persuni mputati milli jittrasferixxu, jagħtu b'rahan, jipotekaw, jew b'xi mod ieħor ibiddlu jew jiddisponu minn assi ossija proprjetà tagħhom jew li tkun fil-pussess tagħhom, sal-ammonti rispettivi.

30. Skont l-Artikolu 36(3)(b) tal-Kap. 621, id-dritt tal-imputat li jikkontesta Ordni bħal dak għandu jkun skont kif provdut fil-paragrafu (ii) tas-subatikolu (8), liema dispożizzjoni tipprovdi hekk:

> *"(ii) Meta ordni skont is-subatikolu (1) jinħareġ mill-Qorti tal-Maġistrati, l-imputat jista', fi żmien sebat (7) ijiem tax-xogħol mid-data tad-deċiżjoni*

[56] Fol. 295

*tal-Qorti, jippreżenta rikors quddiem il-Qorti Kriminali fejn jitlob ir-revoka sħiħa jew parzjali tal-ordni, iżda l-ordni għandu jibqa' fis-seħħ sakemm tingħata d-deċiżjoni mill-Qorti Kriminali. Il-Qorti Kriminali għandha tagħti sebat (7) ijiem tax-xogħol lill-prosekuzzjoni u lid-Direttur sabiex jirrispondu għat-talba tal-imputat. Id-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali fuq ir-rikors għandha tingħata fi żmien sebat (7) ijiem tax-xogħol minn meta jiġu ppreżentati r-risposti jew minn meta jkun skada t-terminu għall-preżentata tagħhom."*

31. Ir-rikorrenti u kjamati in kawża fittxew dak ir-rimedju b'diversi rikorsi li ppreżentaw fil-5 ta' Ġunju 2024[57] u 6 ta' Ġunju 2024[58] fejn talbu lill-Qorti Kriminali sabiex:

*"wara li tisma' l-provi u s-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u sottomissjonijiet ulterjuri ta' l-esponenti, tirrevoka kompletament l-Ordni ta' Qbid u Ffriżar maħruġa kontra tagħhom mill-Qorti tal-Maġistrati fit-28 ta' Mejju, 2024 jew, alternattivament, tirrevoka parzjalment dawl l-Ordnijiet."*[59]

/

*"dan ir-rikors jiġi appuntat għas-smigħ bil-fakulta li jiġi prodotti provi u li jsiru eżamijiet jew kontro-eżamijiet, l-esponenti jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tirrevoka b' mod sħiħ jew parzjali l-ordni ta' qbid u ffriżar datat it-28 ta' Mejju, 2024, kontra l-esponenti."*[60]

/

*"(i) tħassar u tirrevoka l-Ordni ta' Qbid u Ffriżar li nħareġ mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (Bħala Qorti Istruttorja) fil-konfront tiegħu waqt l-udjenza miżmuma nhar it-tmienja u għoxrin ta' Mejju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (28.06.2024);*

*(ii) fin-nuqqas li tilqa' l-ewwel (1) talba suesposta, tvarja, ossija 'tirrevoka parzjalment', l-imsemmija Ordni ta' Qbid u Ffriżar u dan billi tvarja l-ammont ikkawtelat għal kwalunkwe ammont inferjuri li l-Onorabbli Qorti tista' talvolta tqis li jirriżulta mill-provi in atti.*

*(iii) Tagħti dawk l-ordnijiet u d-direttivi neċessarji sabiex jiġu salvagwardjati d-drittijiet tad-difiża tal-esponent, inkluż dawk l-ordnijiet u dawk id-direttivi li jistgħu talvolta jitqiesu bħala neċessarji sabiex jitqiegħed f' qagħda li jikkontesta kwalunkwe riżultanzi probatorji li, sal-*

[57] Fol. 9 *et seq*, 67 *et seq*, 100 *et seq*., 224 *et seq*., 265
[58] Fol. 29 *et seq*., 48 *et seq*, 120 *et seq.,* 144 *et seq*.
[59] Talba li saret minn Brian Tonna, Karl Cini u Nexia BT Limited, ara r-rikors a fol. 9 *et seq*
[60] Talba li saret minn Keith Schembri, Kasco Engineering Limited u FSV Limited, ara r-rikors a fol. 29 *et seq*., u minn Konrad Mizzi, ara r-rikors a fol. 48 *et seq*.

*ġurnata tal-preżentata ta' dan ir-rikors, għadhom ma nġiebux a konoxxenza tiegħu u/jew li ma kienx talvolta possibbli għalih li jikkontesta."*[61]

/

*"wara li din il-Qorti tisma' l-Uffiċjali Prosekuturi jixhdu dwra jekk l-esponent qatt irċieva flejjes jew proprjetà provenjenti minn attività kriminali, tordna r-revoka sħiħa tal-Ordni ta' Qbid u Ffriżar jew alternattivament, ir-revoka parzjali tal-Ordni ta' Qbid u Ffriżar u dan salv kull provvediment ulterjuri li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha timponi ..."*[62]

/

*"tħassar u tirrevoka l-Ordni ta' Qbid u Ffriżar fuqha mpost mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-28 ta' Mejju 2024, u dan mingħajr preġudizzju għal kull impożizzjoni oħra li dina l-Qorti talvolta jogħġobha timponi."*[63]

/

*"(i) tiġi revokata b' mod sħiħ l-Ordni ta' Qbid u Ffriżar maħruġa mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja permezz ta' digriet datat 28 ta' Mejju 2024 fil-konfront tal-imputat; jew* ***alternattivament***

*(ii) jiġi ridott l-ammont pretiż tal-Ordni ta' Qbid u Ffriżar maħruġa mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja permezz ta' digriet datat 28 ta' Mejju 2024 fil-kontront tal-imputat,*

*u dan salv kull provvediment ieħor li dina l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni."*[64]

/

*"1. Tisma' lill-uffiċjali prosekuturi, jew min minnhom, sabiex jikkonfermaw li s-somma li tirriżulta mill-process verbal u li allegatament irċieva r-rikorrenti, skont l-esperti b' mod illeċitu hija dik ta' sittin elf euro (€60,000).*

*2. Tordna lill-uffiċjali prosekuturi, jew min minnhom, sabiex jagħtu rendikont ta' kif waslu għat-talba magħmula fiċ-ċitazzjoni ta' tletin miljun ewro (Eur30,000,000).*

*3. Tirriduċi l-ammont allegatament suġġett għal Ordni ta' Qbid u Ffriżar għas-somma ta' sittin elf euro (Eur60,000).*

[61] Talba li saret minn Dr David Joseph Meli, ara r-rikors a fol. 67 *et seq*.
[62] Talba li saret minn Mario Victor Gatt, ara r-rikors a fol. 100 *et seq*.
[63] Talba li saret minn Mtrace plc, ara fol. 120 *et seq.*
[64] Talba li saret minn Clarence John Conger-Thompson, ara r-rikors a fol. 144 *et seq*.

*4. Konsegwentement tirrevoka u/jew alternattivament tvarja d-digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati Bħala Qorti Istruttorja nhar it-28 ta' Mejju 2024.*

*Salv kull provvediment ieħor li l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportun f' dan il-każ."*[65]

*/*

*"i) Tappunta dan ir-rikors għas-smigħ fid-data u ħin li jogħġobha dina l-Qorti;*

*ii) Tordna qabel is-smigħ, li l-atti kollha tal-inkjesta Maġisterjali fil-konfront ta' Sur Adrian Hillman u l-evidenza kollha tintbagħat għand l-esponent sabiex ikun jista' jiddefendi ruħu;*

*iii) Tordna l-uffiċjali prosekuturi kollha li ħalfu l-att ta' akkuża li fih hemm dikjarat li għandha tinħareġ fil-konfront tal-imputat, ordni ta' ffriżar fis-somma ta' tletin miljun, sabiex jixhdu in kontro-eżami u jispjegaw kif waslu għal din is-somma bħala allegat rikavat meta m'hemm ebda prova ta' dan;*

*iv) Tirrevoka u tħassar l-ordni ta' ffriżar maħruġa fil-konfront tal-imputat Adrian HIllman nhar it-28 ta' Mejju 2024 mill-Qorti tal-Maġistrati Malta (Bħala Qorti Istruttorja) fil-kawża fl-ismijiet Repubblika ta' Malta vs Adrian Hillman et;*

*U dan taħt kull provvediment li dina l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq u opportun."*[66]

32. Għal kull wieħed mir-rikorsi fuq imsemmija l-Avukat Ġenerali wieġbet[67] li l-istess għandu jiġi miċħud. Dan sostanzjalment għaliex:

(i) skont il-liġi, biex jinħareġ Ordni ta' qbid u ffriżar il-Qorti m'għandhiex tissindika xi provi iżda trid biss tqis jekk hemmx raġuni valida sabiex <u>jitwemmen</u> li, f'każ ta' sejbien ta' ħtija, il-

[65] Talba li saret minn Dr Joseph Muscat, ara r-rikors a fol. 224 *et seq.*
[66] Talba li saret minn Adrian Hillman, ara r-rikors a fol. 265 *et seq*.
[67] Fol. 16 *et seq*., 34 *et seq*., 54 *et seq*., 87 *et seq*., 106 *et seq.,* 127 *et seq*., 150 *et seq*., 251 *et seq*., u 280 *et seq*.

proprjetà indikata mill-prosekuzzjoni (ammont jew assi) tkun soġġetta għall-konfiska;

(ii) qabel l-emendi introdotti bl-Att Vi tal-2024 il-Qorti kienet toħroġ Ordni ta' Qbid u Ffriżar fir-rigward tal-assi kollha tal-imputat mingħajr ma tisma' provi in sostenn t'hekk. Id-differenza llum hija li l-liġi qiegħda tobbliga lill-Prosekuzzjoni tillimita t-talba tagħha għall-ħruġ tal-ordni, jiġifieri kkrejat sitwazzjoni aktar favorevoli għall-imputat fejn il-qbid u ffriżar isir b'mod proporzjonat għall-imputazzjonijiet;

(iii) fl-udjenza tat-28 ta' Mejju 2024 il-prosekuzzjoni spjegat kif hija waslet għall-ammonti li ntalab il-Qbid u Ffriżar tagħhom;

(iv) ir-reat ta' ħasil tal-ħasil ta' flus huwa wieħed ferm aktar kompless minn kif qiegħed jitpenġa billi dak li għandu jitqies bħala "proprjetà soġġetta għall-konfiska" għandu tifsira wiesgħa skont l-Artikolu 6(3) tal-Kap. 621 u jinkludi mhux biss rikavat minn kriminalità iżda wkoll proprjetà faċilitattiva, kull proprjetà nvoluta, u **investimenti potenzjali li setgħu saru bir-rikavat oriġinali jew parti minnu, interessi li potenzjalment żdiedu mal-ammont inizzjali, akkrexximenti oħra fil-ġid li skatta mir-rikavat inizjali eċċettera;** u

(v) kuntrarjament għal dak minnhom allegat, m'hemmx ksur tad-dritt tar-rikorrenti protett bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni għaliex il-miżura in kwistjoni hjia fl-interess pubbliku, ma tipprivax ir-rikorrenti minn ħwejjiġhom, ħarġet skont il-liġi u proporzjonata meqjusa l-ħsara li l-attività kriminali in kwistjoni tagħmel lis-soċjetà.

33. Fl-udjenza tas-26 ta' Ġunju 2024, ir-rikorrenti allegaw li, f'xenarju fejn hemm inkjesta voluminuża u allegat rikavat kriminali f'ammonti sostanzali li ma hu bbażat fuq ebda prova, il-fatt li Qorti Kriminali hija marbuta bil-liġi tiddeċiedi r-rikors tagħhom fi żmien sebat (7) effettivament jipprivhom milli jikkontestaw l-Ordni bi ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom għal smigħ xieraq, parità tal-armi, u għall-godiment ta' ħwejjiġhom protetti bl-Artikoli 6, 9 u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Talbu għalhekk lill-Qorti Kriminali tirreferi l-kwistjoni lill-"Qorti Kostituzzjonali"[68].

34. B'għadd ta' digrieti mogħtija fl-istess udjenża[69], il-Qorti Kriminali rreferiet is-segwenti kwistjoni lill-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali):

> ***"Jekk l-imputati … humiex qed isofru jew ser isofru minn xi vjolazzjoni taħt l-Artikolu 6 u 9 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u taħt l-artikoli 37 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem minħabba li ser jiġi leż d-***

[68] Fol. 6 *et seq.*, 26 *et seq.*, 45 *et seq.*, 64 *et seq.*, 97 *et seq.*, 117 *et seq.*, u 142 *et seq.*
[69] Fol. 1 *et seq*, 21 *et seq.*, 40 *et seq.,* 59 *et seq.,* 92 *et seq.*, 112 *et seq.*, u 133 *et seq.*

***dritt tagħhom għal smiegħ xieraq, kif ukoll id-dritt tagħhom għal jedd ta' tgawdija tal-proprjetà tagħhom fil-proċeduri magħmula quddiem din il-Qorti fit-termini ta' l-Artikolu 36(8)(ii) tal-Kapitolu 621 tal-Liġijiet ta' Malta, li ma joffriex rimedju effettiv, kif ukoll meta m'humiex mogħtija jedd ta' kontestazzjoni jew reviżjoni tal-Ordni ta' Qbid u Iffriżar matul il-pendenzi tal-proċeduri kriminali pendenti fil-konfront tagħhom, u dan anke meta ikun hemm varjazzjoni fl-imsemmi Ordni pendenti l-imsemmija proċeduri fuq talba tal-Prosekuzzjoni, biex b'hekk hija nieqsa il-parità fl-armi bejn il-Prosekuzzjoni u id-Difiża, u jekk fl-affermattiv illi jingħataw rimedju xieraq."***

35. Dan wara li *inter alia* għamlet il-konsiderazzjonijiet segwenti:

*"imkien ma jirriżulta fil-liġi illi l-Qorti ta-Maġistrati hija tenuta tagħti xi motivazzjoni li tkun wasslitha sabiex toħroġ l-Ordni ta' Qbid u Iffriżar fuq il-proprjetà jew sommom ta' flus kif indikati mill-Prosekuzzjoni. Mhux biss, iżda jidher li l-Qorti Istruttorja tgħaddi biex toħroġ dan l-Ordni qabel saħansitra tkun semgħat jew qieset xi provi li jistgħu ikunu indikattivi dwar jekk hemmx xi raġuni valida sabiex jitwemmen minnha illi dik il-proprjetà jew somma flus kif indikata mill-Prosekuzzjoni tista' tkun soġġetta għal konfiska.*

*Illi mandanakollu bl-emendi l-ġodda l-imputat għandu jekk jikkontesta il-ħruġ ta' kdan l-Ordni quddiem din il-Qorti fit-termini tad-dispożizzjoni tal-liġi ...*

*Huwa evidenti minn qari ta' din id-dispożizzjoni tal-liġi illi l-proċeduri quddiem din il-Qorti sabiex ikun kontestat l-ħruġ tal-Ordni ta' Qbid u Ffriżar mill-Qorti tal-Maġisrati għandhom ikunu sommarji billi t-termini konċessi huma tassew qosra. Il-Leġislatur ma jindikax jekk il-Qorti għandiex tagħti smigħ lill-partijiet qabel tiddetermina l-vertenza, jew jekk jistgħux jinstemgħu xi provi fir-rigward. Il-fatt hu li t-terminu huwa wisq qasir biex isir dan. Illi mbgħad, kuntarjament għal dan il-jedd mogħti lill-imputat, fil-jedd mogħti lill-Avukat Ġenerali meta jikkontesta il-ħruġ tal-Ordni ta' Qbid u Ffriżar, ma hemm ebda terminu ndikat sabiex din il-Qorti tasal għad-deċiżjoni tagħha biex b' hekk dan ifisser illi l-Qorti mhiex marbuta b' termini qosra biex tagħti d-deċiżjoni tagħha. F' dan it-terminu qasir ta' sebat ijiem tax-xogħol huwa impossibbli illi l-partijiet iressqu xi provi dettaljati, u wara dan il-Qorti trid tidħol biex tara u tqis x'evidenza hemmm jew li tista' tinġieb kontra l-imputat fi stadju tant bikri tal-proċeduri. Lanqas ma tista' din il-Qorti tissindika tali provi jew tinoltra ruħha fil-mertu tal-każ. Dan apparti il-fatt illi l-imputat, preżunt innoċenti, għandu igawdi mill-jedd tiegħu għas-silenzju li għandu jibqa' mhux mittiefes, f' dan l-istadju hekk bikri. Mhux biss, iżda meta l-Ordni jinħareġ fl-istadju inizzjali tal-proċeduri, ftit li xejn ikunu ġew ikkumpilati xi provi sabiex l-Qorti tista' tqis jekk il-proprjetà jew somma flus indikata mill-Prosekuzzjoni timmeritax li tkun miżmuma bil-ħruġ tal-Ordni.*

*Illi jiżdied jingħad mbgħad, illi jekk il-Prosekuzzjoni fi kwalunkwe ħin matul il-proċeduri, jidrilha li għandha titlob lill-Qorti tal-Maġistrati sabiex temenda l-Ordni ta' Qbid u Iffriżar billi tiżdied jew titnaqqas il-proprjetà li tkun soġġetta għal dak l-Ordni, bil-jedd mogħti lilha fl-Artikolu 36(3)(d) tal-Kapitolu 621 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-Qorti tgħaddi biex tilqa' t-talba, l-imputat ma għandux il-jedd ġgal reviżjoni minn din id-deċiżjoni.*

*Illi fil-każ rimess lil din il-Qorti, kemm kumpilati diġa' volumi sħaħ ta' evidenza. L-ammont ta' flus li abbażi tiegħu inħareġ huwa ukoll sostanzjali illi allura se ikopri l-assi tar-rikorrenti jekk mhux fit-totalità tagħhom, iżda f' parti sostanzjali. Ifisser għalhekk li f' dan ix-xenarju ir-rimedju li tagħti l-liġi lir-rikorrenti jista' ma jkunx wieħed effettiv u dan għaliex fl-ewwel lok l-imputatati ma għandhomx biżżejjed żmien biex iressqu l-kontestazzjoni tagħhom, u il-Prosekuzzjoni twieġeb għall-istess u bil-Qorti mbgħad trid neċessarjament titratta dawn il-proċeduri b' mod sommarju, għaliex it-terminu lilha konċess biex tasal għad-deċiżjoni tagħha huwa wieħed ferm limitat.*

*Illi jingħad illi ġaladarba ikun inħareġ l-Ordni mill-Qorti tal-Maġistrati ma hux se ikun hemm il-periklu illi xi rikavat mill-kriminalità jista' jiġi dissipat jew imwarrab u allura l-Qorti tonqos milli tifhem ir-raġuni għala l-leġislatur impona terminu daqshekk qasir, meta l-istess ma japplikax fil-każ ta' kontestazzjoni mill-Avukat Ġenerali.*

*Illi allura ma jistax jingħad illi l-lanjanza mqanqla mir-rikorrenti hija waħda frivola u vessatorja u dan għaliex huwa evidenti illi dawn il-proċeduri, li jistgħu iwasslu għal konsegwenzi drakonjani fuq il-jedd tat-tgawdija tal-proprjetà tal-persuna mixlija bil-kummissjoni ta' reat li tispiċċa mċaħħda minn din it-tgawdija għal perjodu li fih itulu il-proċeduri penali stitwit kontra tagħha mingħajr ebda jedd għal reviżjoni ulterjuri matul l-imsemmi proċess penali, li jistgħu iwasslu għall-vjolazzjoni tal-jeddijiet fundamentali tagħha.*

*Jingħad finalment illi għalkemm il-leġislatur introduċa l-emendi għall-Kapitolu 621 tal-Liġijiet ta' Malta u liġijiet varji oħra li jitkellmu dwar l-Ordni ta' Qbid u Iffriżar u l-Ordinjiet ta' Konfiska bil-għan illi permezz tal-liġi il-ġdid[recte: ġdida] jintlaħaq bilanċ bejn il-jedd tal-Istat li jara illi ir-rikavat ġej mill-kriminalità ma jintilifx u il-jedd tal-persuna mixlija bil-kummissjoni tar-reat għat-tgawdija tal-proprjetà teigħu, madanakollu għandu jara illi dan l-għan jintlaħaq b' mod speċjali meta l-Qorti kun rinfaċċjata b' kawżi komplessii bħal dawk odjerni"*

36. Referenza li, kif ingħad aktar 'il fuq, il-Qorti tal-ewwel grad wieġbet għaliha b'sentenza mogħtija fil-25 ta' Lulju 2024 ["is-sentenza appellata"] fejn:

(i) laqgħet l-eċċezzjoni preliminari tal-intimati sa fejn ir-riferenza riedet li hija tqis hemmx ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti fejn isseħħ varjazzjoni tal-Ordni fuq talba tal-Avukat Ġenerali;

(ii) wieġbet li, fil-proċeduri magħmula quddiem il-Qorti Kriminali fit-termini tal-Artikolu 36(8)(ii) tal-Kapitolu 621 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-rikorrenti mhux qed isofru jew ser isofru minn xi vjolazzjoni taħt l-Artikolu 6 u 9 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u taħt l-Artikoli 37 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll taħt l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, u konsegwentement ma tat ebda rimedju.

<u>L-Ewwel Aggravju.</u>

37. L-ewwel ilment tal-appellanti huwa minn dik il-parti tas-sentenza appellata li ttireferi għall-aħħar parti tad-domanda tal-Qorti Kriminali, ċjoè li l-imputati mhumiex mogħtija *"(….) jedd ta' kontestazzjoni jew reviżjoni tal-Ordni ta' Qbid u Iffriżar matul il-pendenzi tal-proċeduri kriminali pendenti fil-konfront tagħhom u dan anke meta jkun hemm varjazzjoni fl-imsemmi Ordni pednenti l-imsemmija proċeduri fuq talba tal-Prosekuzzjoni"*. Jargumentaw illi għalkemm il-konsiderazzjonijiet legali li

għamlet l-Ewwel Qorti f'dan ir-rigward huma akkademikament korretti, skont l-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni, il-qorti li quddiemha ssir referenza hija marbuta li tagħti d-deċiżjoni tagħha fuq il-kwistjoni lilha riferuta. Dan ukoll fil-kuntest tal-fatt illi r-referenza hija tal-qorti riferenti u mhux tal-partijiet. Jikkonċedu mbagħad li hemm ġurisprudenza li tgħid li l-qorti li ssirilha r-referenza tista', <u>jekk tkun tal-fehma li l-kwistjoni sollevata tkun irrilevanti</u> għall-għanijiet tal-kawża li tkun qiegħda tinstema' mill-qorti riferenti, tibgħat l-atti lura lill-qorti riferenti bla tweġiba. Jgħidu madanakollu li l l-kweżit dwar jekk hemmx ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom fejn isseħħ varjazzjoni tal-Ordni fit-termini tal-Artikolu 36(3)(d) tal-Kap. 621, altru milli rrilevanti, hu <u>meħtieġ</u> sabiex tiġi determinata b'mod sħiħ l-effettività tar-rimedju li suppost joffri l-Artikolu 36(8)(ii) tal-Kap. 621. Dan fil-kuntest tal-fatt illi l-Artikolu 36(8)(ii) tal-Kap. 621 jagħti lill-imputat biss <u>sebat (7) ijiem</u> biex jitlob lill-Qorti Kriminali tirrevoka, *in toto* jew *in parte*, Ordni ta' Qbid u Ffriżar maħruġ mill-Qorti tal-Maġistrati, rimedju jista' jintuża darba waħda biss. Min-naħa l-oħra, bis-saħħa tal-Artikolu 36(3)(d) tal-istess Kap. tal-Liġi, il-prosekuzzjoni tista' titlob lill-Qorti sabiex iżżid jew tnaqqas proprjetà li tkun soġġetta għal dak l-Ordni <u>f' kull ħin</u>. Fatt li skonthom jinċidi fuq id-determinazzjoni tal-kwistjoni dwar jekk l-Artikolu 36(8)(ii) tal-istess Att jistax jitqies rimedju effettiv. Jikkonkludu li, għaldaqstant:

> *"l-Ewwel Qorti kienet skorretta meta qalet li dina l-mistoqsija li saret lilha mill-Qorti referenti ma kienitx rilevanti għall-għanijiet tal-kawża li tkun qiegħda tinstema' mill-istess qorti riferenti. Dan qed jingħad f' kuntest ukoll fejn il-persuni akkużati qed jaffaċċjaw Qorti Istruttorja li li dwar l-*

> *ordni ta' qbid u ffriżar ma tridx tisma xhieda, u Qorti Kriminali li qed tgħid li terminu ta' sebat ijiem tax-xogħol jirrendi l-proċeduri quddiem f' proċeduri sommarji."*

Konsiderazzjoni.

38. Quddiem il-Qorti Kriminali l-kwistjoni li qamet hi dwar il-proċedura kontemplata fl-Art. 36(8)(ii) tal-Kap. 621. Proċedura li biha l-imputat jikkontesta l-ordni ta' Qbid u Ffriżar li jkun ħareġ. Ordni li skont l-Art. 36(1) tal-istess liġi għandha tolqot proprjetà li *"….. dwarha jkun hemm raġuni valida sabiex jitwemmen li l-proprjeta' hija soġġetta għall-konfiska….."*. Proċedura li biha l-imputat jikkontesta l-ħruġ per se tal-ordni u dak li qiegħed isir mill-appellanti fil-proċeduri li hemm quddiem il-Qorti Kriminali.

39. Il-kwistjoni li trid tiddeċiedi l-Qorti Kriminali hi jekk qattx kellu jinħareġ l-ordni tal-iffriżar jew kellux jinħareġ għaċ-ċifra li jissemma fil-każ ta' kull wieħed mill-appellanti. Għalhekk f'dan l-istadju dak li hu rilevanti hu jekk il-proċedura quddiem il-Qorti Kriminali li saret *ai termini* tal-Artikolu 36(8)(ii) tal-Kap. 621, hijiex rimedju effettiv.

40. Hu veru li wara l-proċedura taħt l-Art. 36(8)(ii) tal-Kap. 621, il-liġi tagħti lill-imputat il-possibiltà li jitlob tibdil limitat b'referenza għall-ordni tal-iffriżar (Art. 36(5)(b)). Hekk per eżempju jista' jitlob lill-qorti biex tistabbilixxi l-flus li jista' jirċievi waqt li l-ordni tkun fis-seħħ, jew permess biex jittrasferixxi immobbli jew mobbli. Però ħlief għall-proċedura taħt l-

Art. 36(8)(ii) ma jirriżultax li f'xi stadju ieħor tal-proċess kriminali, l-imputat jista' jitlob għar-revoka tal-ordni jew varjazzjoni. Min-naħa l-oħra l-prosekuzzjoni għandha l-jedd sabiex waqt il-proċeduri titlob lill-qorti biex temenda l-ordni, sabiex iżżid jew tnaqqas il-proprjetà soġġetta għall-Ordni (Art. 36(3)(ċ) tal-Kap. 621).

41. Pero' jekk dak il-fatt jilledix il-jedd fundamentali tal-appellanti m'huwiex rilevanti għall-finijiet tal-proċedura li bħalissa hemm pendenti quddiem il-Qorti Kriminali, ġialadarba t-talba li għamlu l-appellanti hi dik kontemplata fl-Art. 38(8)(ii). Fil-meritu l-kwistjoni hi dwar:-

i. Is-sebat ijiem xogħol li l-liġi tagħti lill-imputat sabiex jikkontesta l-ordni minn meta jinħareġ mill-Qorti tal-Maġistrati;
ii. Is-sebat ijiem xogħol li fihom il-Qorti Kriminali għandha tiddeċiedi r-rikors tal-imputat.

42. Dawk il-perjodi jwasslu għall-ksur tal-Art. 6 u 39 tal-Kostituzzjoni u l-Art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u l-Art. 37 tal-Kostituzzjoni? Dik hi l-mistoqsija rilevanti li kellha twieġeb l-Ewwel Qorti.[70] Semmai wieħed jista' jargumenta li l-fatt li wara din il-proċedura mhux ser ikollhom opportunità oħra taħt il-Kap. 621 li *pendente lite* jitolbu għar-revoka tal-ordni, hi konsiderazzjoni rilevanti għall-ilment li qajmu b'referenza għall-

[70] L-Ewwel Qorti ddeċidiet li l-Art. 37 tal-Kostituzzjoni ma japplikax. Dik il-parti tad-deċiżjoni m'hijiex meritu tal-appell.

Art. 36(8)(ii) tal-Kap. 621. Però jibqa' l-fatt li m'hemmx ħtieġa li jiġi mistħarreġ jekk dak il-fatt waħdu jilledix il-jeddijiet fundamentali rilevanti, ġialadarba r-rikorsi li trid tiddeċiedi dwarhom il-Qorti Kriminali saru *ai termini* tal-Art. 36(8)(ii) tal-Kodiċi Kriminali u fit-terminu.

43. F'referenza ta' din ix-xorta, il-qorti referenti għandha tiddeċiedi l-kwistjoni li tkun qamet quddiemha skont id-deċiżjoni tal-qorti lil lilha saret ir-referenza (Art. 46(3) tal-Kostituzzjoni u art. 4(3) tal-Kap. 319). Mela, ġialadarba r-rikorsi pendenti quddiem il-Qorti Kriminali saru *ai termini* tal-Art. 36(8)(ii) tal-Kap. 621, il-Qorti tal-ewwel grad kellha twieġeb dwar hekk biss. Ir-referenza m'għandhiex tintuża għal kwistjonijiet ipotetiċi.

44. Għaldaqstant, tiċħad l-ewwel aggravju.

<u>It-Tieni Aggravju</u>

45. It-tieni aggravju tal-appellanti hu dwar il-meritu u ċioé dwar:

> *"il-kwistjoni prinċipali li kellha quddiemha l-Ewwel Qorti u ċioé jekk il-brevità tat-termini mposti għad-deduzzjoni u għad-determinazzjoni tal-azzjoni taħt l-Artikolu 36(8)(ii) tal-Att twassalx biex dik l-azzjoni titqies ineffettiva."*

46. Fir-rigward l-appellanti jinsistu illi, kuntrarjament għal dak deċiż mill-Ewwel Qorti, ir-rimedju li jagħti l-Artikolu 36(8)(ii) tal-Kap. 621 huwa ineffettiv. F'dan il-kuntest jirreferu għall-Artikolu 8 tad-<u>Direttiva 2014/42/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar</u>

l-iffriżar u l-konfiska ta' mezzi strumentali u r-rikavat minn attività kriminali fl-Unjoni Ewropea li jrid proprju li l-persuni affetwati mill-miżuri prevvisti fid-Direttiva jkollhom dritt għal rimedju effettiv u proċess ġust sabiex jitħarsu d-drittijiet tagħhom u li l-Istati Membri jipprevedu l-possibbiltà effettiva li l-persuna li l-proprjetà tagħha tkun ġiet affettwata tikkontesta l-ordni ta' ffriżar quddiem qorti, f'konformità mal-proċeduri stipulati fil-liġi nazzjonali. Jilmentaw iżda, li fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, l-Artikolu 36(8)(ii) tal-Kap. 621 ma jtihomx tali garanzija. Dan għaliex kemm it-terminu ta' sebat (7) ijiem sabiex imputat jippreżenta rikors għar-revoka sħiħa jew parzjali tal-Ordni, u kif ukoll it-terminu ta' sebat (7) ijiem tax-xogħol sabiex il-Qorti Kriminali tagħti d-deċiżjoni tagħha, huma wkoll ta' ostakolu għall-effettività tar-rimedju hemm prospettat.

47. B'referenza għall-Artikolu 6 u Art.39 tal-Kostituzzjoni, fihom hu kompriż il-jedd fundamentali għall-aċċess għall-qorti. L-Ewwel Qorti ikkonkludiet li għall-każ in eżami japplikaw l-Artikoli 6 tal-Konvenzjoni u 39 tal-Kostituzzjoni (ara paragrafi 45 u 46 tas-sentenza appellata). F'dan il-kuntest hu rilevanti dak li qalet il-QEDB fis-sentnza **Jensen v Denmark** (8639/11) tat-13 ta' Diċembru, 2016:

> *"34.The principles relating to the right of access to a court secured by Article 6 § 1 of the Convention were recently set out in Al-Dulimi and Montana Management Inc. v. Switzerland [GC], no. 5809/08, §§ 126-129, 21 June 2016. Notably, the right of access to a court is not absolute, but may be subject to limitations; these are permitted by implication, since the right of access by its very nature calls for regulation by the State.*

*35. In respect of time-limits governing the lodging of appeals, it is not the Court's task to take the place of the domestic courts. It is primarily for the national authorities, notably the courts of appeal and of first instance, to resolve problems of interpretation of domestic legislation. The role of the Court is limited to verifying whether the effects of such interpretation are compatible with the Convention. This applies in particular to the interpretation by courts of rules of a procedural nature such as time-limits governing the filing of documents or the lodging of appeals. Rules governing the formal steps to be taken and the time-limits to be complied with in lodging an appeal are aimed at ensuring a proper administration of justice and compliance, in particular, with the principle of legal certainty. Litigants should expect those rules to be applied. (see, for example, Zvolský and Zvolská v. the Czech Republic, no. 46129/99, § 46, ECHR 2002-IX and Miragall Escolano and Others v. Spain, nos. 38366/97, 38688/97, 40777/98, 40843/98, 41015/98, 41400/98, 41446/98, 41484/98, 41487/98 and 41509/98, § 33, ECHR 2000-I).*

*36. However, an issue concerning the principle of legal certainty may arise, not merely as a problem of interpretation of a legal provision in the usual way, but also in the form of an allegation of an unreasonable construction of a procedural requirement which prevents a claim from being examined on the merits and thereby entails a breach of the right to the effective protection of the courts. Thus, while time-limits are in principle legitimate limitations on the right to a court, the manner in which they are applied in a particular case may give rise to a breach of Article 6 § 1 of the Convention, for example, if the time-limit for lodging an appeal starts to run at a moment when the party did not and could not effectively know the content of the contested court decision (see, inter alia, Viard v. France, no. 71658/10, § 36, 9 January 2014; Tsironis v. Greece (no. 44584/98, 6 December 2001; and Miragall Escolano and Others v. Spain, quoted above, §§ 33 and 37), or if the time-limit is so short and inflexible that the party in practice does not have sufficient time to lodge an appeal (see, inter alia, Pérez de Rada Cavanilles v. Spain judgment of 28 October 1998, Reports of Judgments and Decisions 1998-VIII, §§ 46-50, and Gruais and Bousquet v. France, no. 67881/01, §§ 29-30, 10 January 2006), or if the dismissal of an appeal for failure to comply with a time-limit is not a foreseeable reaction (see, inter alia, Olsby v. Sweden, no. 36124/06, §§ 51-52, 21 June 2012)".*

48. B'referenza għall-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, fis-sentenza **Shorazova v. Malta** tat-3 ta' Marzu 2022, il-QEDB qalet:

*"103. The Court reiterates that, according to its case-law, Article 1 of Protocol No. 1, which guarantees in substance the right of property, comprises three distinct rules: the first, which is expressed in the first sentence of the first paragraph and is of a general nature, lays down the principle of peaceful enjoyment of property. The second rule, in the second sentence of the same paragraph, covers deprivation of possessions and subjects it to certain conditions. The third, contained in the second paragraph, recognises that the Contracting States are entitled, among other things, to control the use of property in accordance with the general interest. The second and third rules, which are concerned with particular instances of interference with the right to peaceful enjoyment of property, are to be construed in the light of the general principle laid down in the first rule (see, among many other authorities, G.I.E.M. S.R.L. and Others v. Italy [GC], nos. 1828/06 and 2 others, § 289, 28 June 2018).*

*104. The freezing of assets in the context of criminal proceedings with a view to keeping them available to meet a potential financial penalty falls to be analysed under the second paragraph of Article 1 of Protocol No. 1, which, among other things, allows States to control the use of property to secure the payment of penalties (see, for example, Apostolovi v. Bulgaria, no. 32644/09, § 91, 7 November 2019 and the case-law cited therein; and, more recently, Karahasanoğlu v. Turkey, nos. 21392/08 and 2 others, § 144, 16 March 2021 in relation to temporary injunctions preventing the applicant from using and disposing of his assets). In such cases the Court must establish whether the measure was lawful and "in accordance with the general interest", and whether there existed a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be realised (see, for example, Džinić v. Croatia, no. 38359/13, §§ 61-62, 17 May 2016).*

*105. <u>In addition, the importance of the procedural obligations under Article 1 of Protocol No. 1 must not be overlooked.</u> Thus the Court has, on many occasions, noted that, although Article 1 of Protocol No. 1 contains no explicit procedural requirements, <u>judicial proceedings concerning the right to the peaceful enjoyment of one's possessions must also afford the individual a reasonable opportunity of putting his or her case to the competent authorities for the purpose of effectively challenging the measures interfering with the rights guaranteed by this provision</u> (see G.I.E.M. S.R.L. and Others, cited above, § 302 and the case-law cited therein). An interference with the rights provided for by Article 1 of Protocol No. 1 cannot therefore have any legitimacy in the absence of adversarial proceedings that comply with the principle of equality of arms, allowing discussion of aspects that are important for the outcome of the case. In order to ensure that this condition is satisfied, the applicable procedures should be considered from a general standpoint (ibid)."* (enfasi tal-Qorti)

49. Stabbilt dan, il-Qorti sejra tgħaddi biex tqis jekk l-Artikolu 36(8)(ii) jagħtix opportunità raġonevoli lir-rikorrenti li jikkontestaw b'mod effettiv il-ħruġ tal-ordni.

<u>It-Terminu ta' Sebat (7) ijiem utli għall-Kontestazzjoni</u>

50. L-appellanti jirreferu għal dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti kkonkludiet li t-terminu ta' sebat ijiem tax-xogħol biex l-imputat jippreżenta rikors *a tenur* tal-Artikolu 36(8)(ii), għalkemm mhux partikolarment twil, lanqas ma huwa qasir iżżejjed.

51. Jilmentaw illi għalkemm tali raġunament jista' jreġi f'ċertu ċirkostanzi, l-Ewwel Qorti naqset milli tqis jekk fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ ir-rimedju kienx ta' ostakolu jew le għall-effettività tar-rimedju. Dan fil-kuntest fejn:

> *"l-akkużati u d-difensuri tagħhom ingħataw aċċess għal 78 kaxxa ta' evidenza tista' tgħid f'nofs kumpilazzjoni. Dan kien ifisser li fi spazju ta' ġimgħatejn, l-akkużati kellhom jaraw kif jistgħu dawn il-provi u jieħdu ċertu deċiżjonijiet important bħal per eżempju jekk jikkontestawx il-prima facie marbuta mal-proċeduri tagħhom. Dan fil-waqt li l-Avukat Ġenerali kellu għad-disposizzjoni tiegħu iż-żmien kollu li ried biex jeżamina dawn l-atti.*
>
> *... fl-istess waqt, l-istess akkużati huma tenuti li jeżaminaw l-atti wkoll sabiex jattakkaw ordnijiet ta' friża li jammontaw fil-miljuni u li dwar ir-raġunar wara l-quantum l-atti huma sajma ħafna"*

52. L-appellanti jsostnu wkoll illi '*l-Qorti donna qed tgħid li t-terminu qasir huwa fl-interess tal-persuni akkużati*'. Jilmentaw li dan mhux minnu,

anzi l-kontra għaliex kemm jekk l-ordni jinħareġ b'mod temporanju, u kif ukoll jekk talba għall-ħruġ tal-Ordni tintlaqa', l-assi jibqgħu ffriżati. Jirreferu mbagħad għal dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti kkonkludiet illi, ladarba huma ingħataw ir-raġunijiet għalfejn inħareġ l-Ordni, it-terminu ta' sebat' (7) ijiem tax-xogħol għall-kontestazzjoni tal-istess huwa idoneu. Dan għaliex skontha, l-uniku kriterju li għandu jiġi evalwat meta ssir talba għall-ħruġ ta' ordni ta' qbid u ffriżar huwa jekk hemmx *«raġuni valida sabiex jitwemmen li l-proprjetà hija soġġetta għall-konfiska»*. Kunsiderazzjoni li, skont l-appellanti:

- teżorbita mill-parametri tar-referenza; u
- f'kull każ ma taqbilx / hija kunfliġġenti mal-konsiderazzjonijiet li għamlet il-Qorti Kriminali f'diversi digrieti li kienu a dispożizzjoni tal-Qorti tal-ewwel grad, bi preġudizzju għalihom;

53. Kif ingħad akar 'il fuq, l-Artikolu 36(1) tal-Kap. 621 irid li meta persuna tkun akkużata b'reat relevanti, il-Qorti <u>għandha</u>, fuq talba tal-prosekuzzjoni, tagħmel Ordni msejjaħ "Ordni ta' Qbid u Ffriżar" li bih tiġi sekwestrata kwalunkwe proprjetà li tkun f'idejn partijiet terzi li dwarha jkun hemm <u>raġuni valida sabiex jitwemmen li l-proprjetà hija soġġetta għall-konfiska</u>, u żżomm u tipprojbixxi lill-akkużat milli jittrasferixxi, jagħti

b'rahan, jipoteka, jew b'xi mod ieħor ibiddel jew jiddisponi minn dik il-proprjetà u minn proprjetà oħra tiegħu jew li tkun fil-pussess tiegħu.

54. Fid-digriet li bih il-Qorti Kriminali ordnat ir-referenza, qalet li l-Qorti Istuttorja tgħaddi biex toħroġ l-ordni: '*qabel saħansitra tkun semgħat jew qieset xi provi li jistgħu ikunu indikattivi dwar jekk hemmx xi raġuni valida sabiex jitwemmen minnha illi dik il-proprjetà jew somma flus kif indikata mill-Prosekuzzjoni tista' tkun soġġetta għal konfiska'*, u li bil-liġi lanqas ma hija tenuta tagħti xi motivazzjoni li tkun wasslitha sabiex toħroġ l-Ordni.

55. L-ordni ta' Qbid u Ffriżar hi miżura proviżorja li tittieħed sabiex waqt il-proċeduri kriminali jiġi preżervat il-ġid tal-imputat. B'dan il-mod fl-eventwalità li jinstab ħati ta' *'reat rilevanti'* kif definit fil-liġi, il-proprjetà li tkun soġġetta għall-konfiska tkun għadha fil-pussess tat-terz notifikat bl-ordni jew tal-imputat. F'dan ir-rigward huma *inter alia* rilevanti:

i. L-Artikolu 3 tal-Att dwar Rikavata mill-Kriminalita (Kap. 621) li jagħti definizzjoni għal *'rikavat mill-kriminalita'* u 'proprjetà faċilitattiva';
ii. L-Art. 23(1) tal-Kodiċi Kriminali li jipprovdi li konsegwenzi tal-piena stabbilita mil-liġi għad-delitt huma *"Il-konfiska tal-corpus*

*delicti, tal-istrurmenti li servew jew kien maħsub li jservu sabiex isir id-delitt, u ta' kull ma jkun ġie miksub bid-delitt ……".*

iii. L-Art. 38(10) tal-Kap. 621 jipprovdi li meta iktar minn persuna waħda tinstab ħatja ta' reat, kull wieħed mill-ħatja hu obbligat *in solidum* għat-total tar-rikavat mir-reat li jkun inkiseb minn kwalunkwe wieħed minnhom. B'dan li hemm eċċezzjoni fir-rigward tal-ħati li r-rwol tiegħu kien wieħed inċidentali.

56. Il-proċeduri kriminali li ttieħdu kontra l-appellanti jikkonċernaw reat rilevanti, ċjoè kull reat li ma jkunx reat ta' natura involontarja, u li jkun soġġett għall-piena ta' ħabs *"4….. għal żmien massimu ta' mill-inqas sena (1) ħlief meta provdut b'mod ieħor f'Taqsima oħra ta' dan l-Att"*. Fil-każ in eżami, ir-reati jinkludu *inter alia* dak ta' frodi għad-dannu tal-Gvern ta' Malta, misaproprijazzjoni, assocjazzjoni ma' oħrajn biex jitwettaq delitt f'Malta, u ħasil ta' flus.

57. Il-fatt waħdu li ġie impost terminu ma jfissirx li l-imputat ġie mċaħħad minn rimedju effettiv. Skont:

i. L-Art. 35(14) tal-Kap. 621, fiż-żmien tal-ħruġ tal-ordni l-imputat ma jistax jikkontesta *'l-bażi fattwali'* għall-ħruġ jekk mhux skont il-proċedura taħt l-Art. 36 tal-istess liġi;

ii. L-Art. 36(1) tal-Kap. 621 jipprovdi li l-Ordni tal-Iffriżar tolqot proprjetà fil-pussess ta' terzi u tal-imputat li dwarha hemm raġuni valida biex jitwemmen li hi soġġetta għall-konfiska.

58. Ovvjament l-interpretazzjoni ta' dawk id-dispożizzjonijiet tal-liġi jiqbgħu fil-kompetenza tal-Qrati Kriminali.

59. Jidher li l-leġislatur ried li fiż-żmien tal-ħruġ tal-ordni, kull kontestazzjoni ssir entro terminu perentorju. Il-Qorti ma ssib xejn irregolari fl-impożizzjoni ta' terminu ġialadarba l-proċedura qiegħda tipprovdi għall-ilment b'referenza għaż-żmien meta tkun ħarġet l-ordni. L-ewwel kwistjoni hi dwar jekk is-sebat ijiem xogħol li kellhom l-imputati, kienx biżżejjed. Il-Qorti terġa' ttenni li dak li hu rilevanti hu l-każ tal-imputati u mhux li d-dispożizzjoni rilevanti tiġi mistħarrġa b'referenza għall-każijiet ipotetiċi.

60. Fil-każ in eżami l-prosekuzzjoni talbet il-ħruġ ta' Ordni ta' Qbid u Ffriżar għall-miljuni ta' ewro, u in sostenn tat-talba ppreżentat il-proċess verbal tal-inkjesta tal-Maġistrat. Fl-ewwel seduta li saret quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja l-imputati talbu li jixhdu uffiċjali tal-pulizija u li l-prosekuzzjoni tagħmel referenza għall-paġni tal-proċess verbal li fuqhom ibbażat it-talba għall-ħruġ tal-ordni. Il-Qorti ċaħdet it-talba għaliex deċiżjoni dwar talba għall-ħruġ ta' ordni:

> *'ma tistax tittieħed abbażi tal-għarbiel ta' xi provi biex jiġi determinat l-ammont li għandu jiġi stabbilit bħala rappreżentanti r-rikavat mill-kriminalità u dan abbażi ta' ebda grad ta' prova partikolari. Inoltre, il-Qorti għal ebda raġuni ma tista tiddeċiedi dwar l-ammissibilità o meno tal-provi f' dan l-istadju tal-kompilazzjoni stante li din il-mansjoni tispetta lill-Qorti Kriminali jew lil din il-Qorti meta tkun mogħnija bis-setgħa li tiddeċiedi dwar ħtija o meno, setgħa li llum m' għandiex'.*

61. Imbagħad il-Qorti ordnat il-ħruġ tal-Ordni ta' Qbid u Ffriżar fl-ammonti indikat mill-prosekuzzjoni. Sussegwentement, b'rikors preżentat fit-terminu li trid il-liġi, l-appellanti ppreżentaw rikors *ai termini* tal-Art. 36(8)(ii) tal-Kap. 621.

62. F'dan il-każ għalhekk l-appellanti għamlu t-talba skont il-liġi għar-revoka tal- ordni. Ma jidhirx li kien hemm xi ostakolu biex jagħmlu dan. Fatt li faċilment jiġi konfermat minn qari tar-rikorsi li ppreżentaw l-appellanti u li fihom taw ir-raġunijiet għalfejn qegħdin jimpunjaw il-ħruġ tal-ordni u jitolbu r-revoka sħiħa jew parzjali tal-istess.

63. Fiċ-ċirksotanzi għalhekk ma jistax jingħad li fil-każ in eżami s-sebat ijiem xogħol għall-preżentata tar-rikors ma kienx terminu adegwat sabiex l-imputati jressqu l-ilment tagħhom quddiem il-Qorti Kriminali.

<u>It-Terminu ta' Sebat (7) ijiem utli għad-Deċiżjoni</u>

64. L-appellanti jilmentaw ukoll minn dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti kkonkludiet li terminu ta' sebat (7) ijiem tax-xogħol

sabiex il-Qorti Kriminali tagħti d-deċiżjoni tagħha, mhuwiex ta' ostakolu għall-effettività tar-rimedju.

65. Isostnu illi r-referenza nnifisha tgħid li Qorti Istruttorja għandha tassattivament tilqa' l-Ordni u li ż-żmien mogħti lilha bil-liġi huwa qasir wisq biex hi tisma' x-xhieda. Kliem li skont l-appellanti jfisser li l-Qorti Kriminali xtaqet tisma' l-provi iżda t-terminu mpost fuqha ma ppermettilhiex tagħmel hekk. Tant hu hekk li f'każ ieħor, senjatament **Republic of Malta vs Aasia Parveen Shaukat**, deċiż fil-31 ta' Lulju 2024, il-Qorti Kriminali ddeċidiet li tisma' xhieda dwar rikors għal reviżjoni ta' ordni ta' qbid u ffriżar. L-uniku differenza f'dak il-każ kienet biss li l-proċedura li wasslet għal hekk kienet saret b'rikors tal-Avukat Ġenerali *a tenur* tal-Artikolu 36(8)(i) fejn allura l-Qorti Kriminali mhijiex marbuta b'terminu biex tiddeċiedi, mhux b'rikors tal-imputat *a tenur* tal-Artikolu 36(8)(ii) fejn il-Qorti Kriminali għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha fi żmien sebat (7) ijiem utli.

66. It-terminu ta' sebat ijiem xogħol għad-deċiżjoni tar-rikors li jsir skont l-Art. 36(8)(ii), jiddekorri minn meta jiġu preżentati t-tweġibiet jew minn meta jiskadi t-terminu għall-preżentata tat-tweġibiet.

67. Fid-digrieti li bihom il-Qorti Kriminali ordnat ir-referenza, irraġunat:

i. il-proċedura taħt l-art. 36(8)(ii) hi sommarja ġialadarba t-termini huma qosra;

ii. mil-liġi mhuwiex ċar jekk il-Qorti Kriminali għandhiex tagħti smigħ lill-partijiet qabel tiddeċiedi r-rikors;

iii. f'kull każ, bħala stat ta' fatt it-terminu huwa wisq qasir biex isir dan, għaliex m'hemmx biżżejjed żmien la biex jiħarrku u jitressqu xhieda u lanqas biex il-Qorti tqis il-provi li jkunu tressqu;

iv. fi stadju tant bikri l-Qorti ma tistax tinoltra ruħha fil-meritu tal-każ. Dan apparti li l-imputat hu preżunt innoċenti u għalhekk għandu l-jedd għas-silenzju;

v. meta l-Ordni jinħareġ fl-istadju inizjali tal-proċeduri, ftit li xejn ikunu ġew ikkumpilati xi provi sabiex l-Qorti tista' tqis jekk il-proprjetà jew somma flus indikata mill-Prosekuzzjoni timmeritax li tkun miżmuma bil-ħruġ tal-Ordni.

68. Hu minnu li l-liġi ma timponix terminu li fih il-Qorti Kriminal għandha tiddeċiedi t-talba tal-Avukat Ġenerali għall-ħruġ ta' ordni ta' ffriżar wara li l-Qorti tal-Maġistrati ma tkunx laqgħet it-talba għall-ħruġ tal-ordni, u minflok toħroġ ordni temporanja (ara Art. 36(8)(i) tal-Kap. 621).

69. Li l-liġi timponi terminu li fih qorti għandha tiddeċiedi kwistjoni, hu b'mod ġenerali xieraq. B'hekk jiġi evitat dewmien bla bżonn, tiżdied l-effiċjenza, u l-partijiet jafu minn qabel f'kemm żmien ser tinqata' l-kwistjoni. Min-naħa l-oħra hemm każijiet fejn ikun hemm bżonn ta' flessibilità minħabba *inter alia* n-natura tagħhom u n-numru ta' imputati. Kien ikun iktar floku li kieku pereżempju l-liġi tagħti l-opportunità lill-qorti li testendi t-terminu ta' sebat ijiem xogħol, u fl-istess waqt tagħti r-raġuni għalfejn għandha bżonn iktar żmien. Wara kollox fil-perjodu *interim* m'hemmx il-periklu li jintilef xi ġid, ġialadarba l-liġi tagħmilha ċara li l-ordni

tibqa’ fis-seħħ sakemm il-Qorti Kriminali tiddeċiedi. Sfortunatament, il-leġislatur poġġa l-każijiet kollha fl-istess keffa daqslikieku l-każijiet huma kollha l-istess meta mhumiex.

70. Mill-atti jirriżulta li l-Qorti Kriminali diġà tat digrieti dwar rikorsi simili ta’ imputati oħra, li saru wkoll *ai termini* tal-Art. 36(8)(ii) tal-Kap. 621. Kopja tad-digriet jinsabu fl-atti u minn fejn jidher li l-Qorti żammet mat-terminu ta’ sebat ijiem xogħol u għamlet konsiderazzjonijiet dettaljati b’referenza għat-talba għar-revoka.[71] Dawn jinkludu li:

i. Il-proċedura fl-art. 36(8)(ii) tal-Kap. 621 m’hijex intiża bħala appell mid-deċiżjoni tal-Qorti Istruttorja li tkun laqgħet it-talba tal-prosekuzzjoni għall-ħrug tal-ordni; *“Dan għaliex minn imkien ma jirriżulta fil-liġi illi l-Qorti tal-Maġistrati hija tenuta tagħti xi motivazzjoni li tkun waslitha sabiex toħroġ l-Ordni”*.

ii. *“…. żgur li din il-Qorti <u>ma tistax tidħol biex tissindika l-meritu tal-każ</u> sabiex tiddetermina jekk it-talba tal-Prosekuzzjoni tkunx waħda ġustifikata, iktar u iktar meta l-provi għadhom qed jiġu kkumpilati mill-Qorti Istruttorja…… fejn diġa’ hemm ippreżentat mill-Prosekuzzjoni il-proċess verbal redatt mill-Maġistrat Inkwirenti li jikkontjeni volumi sħaħ ta’ evidenza, żgur illi d-determinazzjoni tat-talba tal-persuna mixlija bir-reat ma hijiex waħda li tista’ tkun indirizzata kif qed tippretendi s-soċjeta rikorrenti b’analiżi ta’ xi provi li jistgħu jindikaw x’seta’ kien ir-rikavat derivanti mir-reat meta dan mhuwiex faċilment identifikabbli, għaliex neċessarjament irid isir apprezzament fil-meritu mill-Qorti sabiex tasal tistabbilixxi jekk l-ammont li abbażi tiegħu inħareġ l-Ordni kienx wieħed sostnut mill-evidenza jew inkella jekk huwiex minnu illi s-soċjetata imputat għamlet il-qligħ ta’ inqas minn ……… <u>Illi fuq kollox prekluża milli tagħmel dan l-apprezzament fil-mertu, qabel id-determinazzjoni finali tal-każ jew b’xi mod tesprimi ruħha fuq il-fatti esposti quddiemha</u>”* (fol. 6 tad-digriet). Fuq l-istess vena f’parti oħra tad-digriet, reġgħet tenniet, *“Il-Qorti jerġa’ jingħad, hija prekluża mill tidħol f’dan l-istadju biex teżamina l-mertu sabiex tqis l-involviment individwali ta’ kull imputat f’din l-allegata xibka ta’ kriminalita’ u teżamina jekk dak allegat mill-Prosekuzzjoni huwiex imsaħħaħ bil-prova fl-atti”*.

---

[71] Digriet tal-20 ta’ Ġunju 2024 tal-Qorti Kriminali fl-atti tal-kumpilazzjoni **Ir-Repubblika ta’ Malta vs Joseph Muscat et**, wara rikors ta’ Technoline Limited għar-revoka tar-rikors.

iii. *"Illi l-Artikolu 36 tal-Kapitolu 621 tal-Liġijiet ta' Malta….. jfassal it-test li għandu jkun adoperat mill-Qorti meta tiġi biex toħroġ Ordni ta' Qbid u Ffriżar kif mitlub mill-Prosekuzzjoni. Dak li trid tara din il-Qorti, allura, huwa biss jekk hemmx raġuni valida (u mhux provi validi) sabiex jitwemmen li l-proprjeta indikata mill-Prosekuzzjoni fit-talba tagħha, jew is-somma tal-flus hekk indikata, tistax tkun soġġetta għall-konfiska f'każ ta' sejbien ta' ħtija,u mhux jekk hemmx raġuni valida sabiex jinħareġ l-imsemmi Ordni, billi din il-kwalifika hija marbuta ma' dik il-proprjeta jew somma flus li tindika l-Prosekuzzjoni u mhux mal-ġustifikazzjoni għall-ħruġ tal-Ordni innifsu".*.

iv. *"Fl-ewwel lok, l-eżerċizzju li jrid isir huwa wieħed kemxejn elementari, li huwa differenti minn każ prima facie fejn irid ikun hemm 'a possible case to answer', jew kif jipprovdi it-test Ingliż, 'sufficient grounds for commital'. Dan it-test ma jinneċessitax lanqas investigazzjoni dwar il-possibilita jew il-probabilita' illi l-każ jirnexxi. Fit-tieni lok, il-Qorti għandha tqis illi kemm jista' jkun iżżomm milli r-rikavat li jista' jkun soġġett għal tali konfiska jkun dissipat jew moħbi…… Finalment il-Qorti trid tqis jekk fiċ-ċirkostanzi tal-każ huwiex ġust illi dan l-Ordni jibqa fuq saqajh, u allura il-Qorti hawnhekk għandha tiżen jekk il-preġudizzju li jista' jinħoloq għall-persuna mixlija bir-reat jissupperax il-preġudizzju għall-allegat vittmi u għas-soċjeta in ġenerali li jkunu oltraġġati bil-kummissjoni tad-delitt (fol. 8)".*

71. Din il-Qorti ċċitat estensivament biex turi li l-Qorti Kriminali diġà kellha l-okkazjoni li f'digrieti oħra tinterpreta l-liġi u tispjega x'eżerċizzju għandu jsir fil-proċedura taħt l-Art. 36(8)(ii) tal-Kap. 621. Interpretazzjoni li tispetta lill-Qorti ta' kompetenza kriminali.

72. Il-Qorti hi tal-fehma li sabiex isir dak it-tip ta' eżerċizzju limitat, sebat ijiem tax-xogħol jaf ikunu biżżejjed. Però ovvjament kollox ikun jiddependi milli każ li jkollha quddiemha l-Qorti Kriminali, u hi dik il-qorti li qiegħda fl-aħjar pożizzjoni li tiddeċiedi kemm hemm bżonn żmien sabiex tingħata deċiżjoni. Ovvjament dejjem iżżomm bħala prijorità li hemm bżonn li proċedura ta' dik ix-xorta tiġi deċiża fi żmien raġonevoli, meħud

ukoll in konsiderazzjoni l-effett li għandha l-ordni fuq il-persuna kkonċernata.

73. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet din il-Qorti mhijiex konvinta li f'dan il-każ is-sebat ijiem tax-xogħol sabiex il-Qorti Kriminali tiddeċiedi r-rikorsi tal-appellanti jiksru l-Art. 39 tal-Kostituzzjoni, l-Art. 6 tal-Konvenzjoni jew Art. 1 tal-Ewwwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

74. Madankollu, jekk il-Qorti Kriminali tapplika b'mod strett it-terminu ta' sebat ijiem xogħol għall-għoti ta' deċiżjoni jaf ikun hemm każijiet fejn il-meritu tal-ilment tal-imputati ma jkunx jista' jiġi eżaminat b'mod sħiħ. Dan jista' jwassal biex ifixkel l-jedd ta' imputat għall-aċċess effettiv lill-Qorti. F'dan ir-rigward il-Qorti tfakkar ukoll li skont Art. 8 tad-Direttiva 21014/42 dwar l-iffriżar u l-konfiska u l-konfiska ta' mezzi strumentali u r-rikavat minn attività kriminali fl-Unjoni Ewropea:

> *"1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-persuni affettwati mill-miżuri previsti skont din id-Direttiva <u>jkollhom id-dritt għal rimedju effettiv u proċess ġust sabiex jitħarsu d-drittijiet tagħhom</u>".*

75. Dan jinkludi l-ordni ta' ffriżar li f'Art. 7 tal-istess direttiva hi waħda mill-miżuri. Dak li jingħad f'Art. 8 tad-direttiva wara kollox jirrifletti dak li jingħad f'Art. 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

76. Il-Qorti żżid li f'każ li l-Qorti Kriminali hi tal-fehma li l-ħtieġa biex jinstemgħu xhieda hi ġenwina u meħtieġa jew għal xi raġuni oħra leġittima għandha bżonn iktar żmien sabiex tiddeċiedi r-rikorsi tal-appellanti, jekk xorta tiddeċiedi r-rikors fit-terminu ta' sebat ijiem tax-xogħol stabbilit mil-liġi, x'aktarx li l-appellanti ma jkunux qegħdin jingħataw smigħ xieraq fil-proċedura għar-revoka tal-Ordni ta' Qbid u Ffriżar u twassal għal interferenza tal-jedd fundamentali protett taħt Art. 1 tal-Ewwel Protokoll. Dan iktar u iktar meta tikkunsidra li kif osservat il-Qorti Kriminali, l-imputat ma jkollux *"jedd għal reviżjoni ulterjuri matul l-imsemmi proċess penali"* (ara l-aħħar paragrafu ta' fol. 7 tad-digriet tal-Qorti Kriminali). Dan apparti l-ammonti kbar li għalihom ħarġu l-Ordni ta' Ffriżar in kwistjoni. Għalhekk f'dawk il-każijiet biss, ikun floku li l-Qorti Kriminali tieħu ż-żmien li għandha bżonn *oltre* s-sebat ijiem xogħol li tagħti l-liġi, qabel tiddeċiedi r-rikorsi li jkunu saru taħt l-Art. 36(8)(ii) tal-Kap. 621. Żmien li l-Qorti għandha tiżgura li ma jitwalx bla bżonn u li jkun wieħed raġonevoli, u għandha tirreġistra fl-atti spjegazzjoni ċara għalfejn id-deċiżjoni ma tistax tingħata fit-terminu stabbilit mil-liġi.

**<u>Deċiżjoni</u>.**

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell tal-appellanti li bih talbu lil din il-Qorti sabiex tħassar is-sentenza appellata u biex tiddikjara li l-appellanti sofrew ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħhom protetti taħt l-Art. 39 tal-

Kostituzzjoni u 6 tal-Konvenzjoni, u l-Art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. B'dan li tikkonferma dak li qalet f'paragrafu 76 ta' din is-sentenza u tistieden lill-Qorti Kriminali sabiex tipproċedi b'dak il-mod fejn hi konvinta li għandha bżonn iktar żmien sabiex tiddeċiedi rikors li jkun sar *ai termini* tal-Art. 36(8)(ii) tal-Kap. 621.

L-ispejjeż jinqasmu in kwantu għal kwart (¼) a karigu tal-Avukat Ġenerali u tliet kwarti (¾) a karigu tal-appellanti.

Kopja ta' din is-sentenza għandha titpoġġa fl-atti tar-rikorsi tal-appellanti li qegħdin jinstemgħu quddiem il-Qorti Kriminali u li saru *ai termini* tal-Art. 36(8)(ii) tal-Kap. 621.

| Mark Chetcuti | Giannino Caruana Demajo | Anthony Ellul |
| --- | --- | --- |
| Prim Imħallef | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss